# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar l-Erbgha 13 t'April 2016**

**Kawza Numru : 17**

**Rikors Numru : 1064/2009 JPG**

**K&M Limited (C 2861)**

**VS**

**Joseph Sant (I.D. Numru 608161(M)) u**
**Therese Piscopo (I.D. Numru 351274(M))**

**Il-Qorti :**

Rat l-att rikors guramentat is-socjeta' attrici K&M Limited (C2861) tramite id-direttur taghha Dr Malcolm Pace tat-2 ta' Novembru 2009,li jaqra hekk:

1. *"Illi fil-ftehim bejn il-partijiet tat-30 ta' Settembru 2005, (Dok. 'A'), Joseph Sant u Therese Piscopo inghataw id-dritt li joperaw u jmexxu permezz ta' dan il-Management Agreement, l-ispizerija maghrufa bhala Holy Cross Pharmacy, b'effett mit-2 ta' Ottubru 2005, u obbligaw ruhhom li jhallsu lis-socjeta' K&M Limited l-ammont ta' hdax–il elf sitt mija u hamsin ewro (ekwivalenti ta' hamest elef lira maltin) bhala korrispettiv u premium, (klawzola 4), minbarra l-management fee ta' kuljum mifthema bejn il-partijiet, (klawzola 3) u jirrifondu l-valur mifthema tal-istock (klawzola 5);*

2. *Illi inoltre Joseph Sant u Therese Piscopo obbligaw ruhhom li jzommu l-ispizerija msemmija miftuha ghall-pubbliku sitt ijiem fil-gimgha minbarra il-jum tal-Hadd skond ir-roster ufficjali u fin-nuqqas, li jhallsu lis-socjeta' attrici l-ammont mifthema ta' danni likwidati bil-quddiem (klawzoli 8 u 9);*

3. *Illi il-kontijiet tad-dawl, ilma, telefon, u licenzji kellhom jithallsu minn Joseph Sant u Therese Piscopo matul il-perijodu tal-ftehim fuq imsemmi (klawzola 17);*

4. *Illi Joseph Sant u Therese Piscopo obbligaw ruhhom li joperaw l-ispizerija msemmija b'mod professjonali u li jzommu kwantita' varjata u adegwata ta' stock fl-ispizerija l-hin kollu, (klawzola 19), u li ma jaghmlux hsara ghar-reputazzjoni u goodwill tal-ispizerija (klawzola 20);*

5. *Illi Joseph Sant u Therese Piscopo naqqsu li jhallsu lis-socjeta' attrici l-korrispettiv u l-premium mifthema bejn il-partijiet u t-taxxa relattiva malli hadu f'idejhom u bdew joperaw l-ispizerija, ma hallsux lis-socjeta' attrici l-management fees kollha dovuti, naqqsu li jirrifondu l-valur kollu ta' l-istock fi flus jew fi prodotti li jistghaw jinbieghaw mat-terminazzjoni tal-ftehim, naqqsu li joperaw l-ispizerija msemmija b'mod professjonali, naqqsu li jzommu stock varjat u adegwat il-hin kollu, naqqsu li jzommu l-ispizerija miftuha ghall-pubbliku fil-granet kollha u hinijiet u sieghat tax-xoghol skond il-ligi u l-konswetudni tal-pajjiz, minbarra li ma hallsux il-kontijiet tad-dawl, ilma, telefon u licenzji dovuti u b'hekk ippregudikaw u ghamlu hsara kbira ghar-reputazzjoni u goodwill tal-ispizerija msemmija;*

*Ghar-ragunijiet kollha premessi, jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-*

1. *Tillikwida l-ammont li hu dovut lis-socjeta' attrici mill-konvenut bhala korrispettiv u premium mifthiema bejn il-partijiet u t-taxxa relattiva, l-management fees dovuti u mhux imhallsa, il-valur mifthema ta' stock li l-konvenuti ma rrifondewx lis-socjeta' attrici mat-terminazzjoni tal-ftehim fuq imsemmi, l-ammont ta' kontijiet tad-dawl, ilma, telefon u licenzji dovuti mhux*

*imhallsa, l-ammont ta' danni kkagunati lis-socjeta' attrici mill-konvenuti ghar-reputazzjoni u goodwill tal-ispizerija imsemmija;*

2. *Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici l-ammont likwidat bl-imghaxijiet relattivi minn dak in-nhar meta kienu dovuti;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti minn issa biex jidhru in subizzjoni."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata Joseph Sant [KI 608161M] u Therese Piscopo [KI 351274M] tat-3 ta' Dicembru 2009 li taqra hekk :

1. *"Illi fl-ewwel lok il-premium mitlub mis-socjeta' rikorrenti thallas a saldu mill-inkwilini godda. Ghandu jkun rilevat illi ghal diversi okkazzjonijiet l-esponenti ressqu klijenti prospettivi biex jakkwistaw il-kirja tal-ispizerija de quo, is-socjeta rikorrenti ostakolathom b'kull mezz biex jaslu ghal ftehim ma' terzi;*

2. *Illi fit-tieni lok l-esponenti holqu goodwill ghal din l-ispizerija u dan stante illi meta hadu l-inkwilinat, l-ispizerija kienet fi stat hazin ta' manutenzjoni. Kwindi l-esponenti hallew l-ispizerija miftuha skond il-ftehim u kienet dejjem funzjonabbli tul iz-zmien li l-esponenti kienu qed jimmaniggjaw din l-ispizerija;*

3. *Illi fit-tielet lok, is-socjeta' attrici ghamlet kuntratt mal-inkwilinati prezenti ghal stock b'valur ta' €35,000 u dan minkejja li l-ftehim ta' bejn l-esponenti u s-socjeta' attrici kien jistipula valur ta' €29,117 bhala stock. Minkejja dan is-socjeta' attrici qed tippretendi li l-esponenti jhallsu d-differenza meta l-unika differenza fl-istock tammonta ghal €687 li l-esponenti offrew kemm il-darba li jhallsu;*

4. *Illi fir-raba' lok l-istock kien isir bl-istess mod li sar 3 snin ilu meta dak iz-zmien l-istock li l-esponenti xtraw minghand is-socjeta' attrici kellu parti minnu inaccettabli imma madanakollu is-socjeta' attrici baqghet tinsisti li dak l-istock kellu jkun accettat u llum dan l-istock li s-socjeta' attrici qed tghid li ma jistghax jinbiegh huwa l-istess illi hija insistiet li jaccettaw l-esponenti fil-bidu tal-operat tal-kuntratt taghhom. Il-kumplament tal-istock huwa stock mixtri mill-esponenti waqt l-operat taghhom;*

5. *Illi ma hemm l-ebda kontijiet ta' utilitajiet pendenti x'jithallsu mill-esponenti;*

6. *Illi l-ebda ammont m'hu dovut mill-esponenti lis-socjeta' attrici kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors;*

7. *Illi kwalsiasi likwidazzjoni ta' danni kif mitluba mis-socjeta' rikorrenti ma tistghax issir bl-opera ta' xi perit tekniku stante li ma saritx talba ad hoc mis-socjeta' rikorrenti li jitqabbad perit minn din l-Onorabbli Qorti;*

8. *Salv eccezzjonijet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti."*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-10 ta' Dicembru 2009 fejn innominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Michael Camilleri;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-16 ta'Marzu 2010 fejn irrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju u halliet il-kawza sine die (a fol. 52);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta li permezz tieghu il-kawza regghet giet appuntata (a fol. 58);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-19 t'Ottubru 2010 fejn innominat bhala Perit Legali lil Dr. Stefano Filletti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta attrici tat-22 ta' Settembru 2014 (a fol. 156 et seq);

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Stefano Filletti prezentata fit-30 t'Ottubru 2014 u mahlufa fil-21 ta' Jannar 2015 (a fol. 216 et seq);

Rat in-nota tas-socjeta' attrici tad-9 ta' Frar 2015 (a fol. 528 et seq) li permezz taghha issottomettiet d-domandi in eskussjoni lil-Perit Legali;

Rat ir-risposti tal-Perit Legali Dr. Stefano Filletti ghad-domandi in eskussjoni tat-2 ta' Marzu 2016 (a fol. 525 et seq);

Rat in-nota ta' kritika tas-socjeta' attrici tat-23 t'April 2015 (a fol. 534);

Rat in-nota t'osservazzjonijiet ta' Joseph Sant et (a fol. 550 et seq);

Rat in-nota t'osservazzjonijiet ta' Joseph Sant u Therese Piscopo tal-11 ta' Settembru 2015 (a fol. 555Aet seq);

Rat id-dokument ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**Dr Malcolm Pace** xehed fl-affidavit tieghu a fol. 45 et seq, illi huwa direttur tas-socjeta' attrici K&M Limited u li fit-30 ta' Settembru 2005 intlahaq ftehim permezz ta' skrittura fil-forma ta' *management agreement*, li biha l-konvenuti Joseph Sant u Therese Piscopo bdew joperaw l-ispizerija Holy Cross Pharmacy ta' Triq il-Kbira, Birkirkara.

Huwa qal illi sar *stock taking* u *hand over* mill-operaturi precedenti Munacra Limited lil Joseph Sant u lil Therese Piscopo. Xi granet qabel kien jidher li l-valur tal-istocks kienu ser ikunu anqas mill-ammont ta' tnax il-elf u hames mitt lira (Lm12,500). Ghalhekk u minhabba ksur iehor fl-obbligi taghhom, is Sur Vassallo ta' Munacra

Limited bhala kumpens xtara aktar *'stock'* ta' prodotti minghand Alfred Gera & Sons Limited. Il-valur ta' dawn il-prodotti godda, flimkien mal-valur tal-istocks li kien hemm fuq l-ixkafef tal-ispizerija ecceda sew l-ammont ta' tnax il-elf u hames mitt lira (Lm15,000), ekwivalenti ghal madwar €36,000. Il-*management agreement* kien mhux biss tal-ispizerija vojta izda tal-ispizerija flimkien mal-i*stocks*, li kellhom ikunu tal-valur ta' mhux inqas minn Lm12,500.

Dr Pace qal illi kien wissa lil Sant u lil Piscopo sabiex joqghodu attenti waqt l-*istock taking* halli jiehdu f'idejhom biss *"saleable stocks"*. Huwa qal illi l-konvenuti ma tawx kasu u meta ghaddew xi kumment zghir dwar xi ftit mill-istock ta' valur negligibbli, kien biss hafna xhur wara u kien tard wisq - il-konvenuti kienu effettivament diga' accettaw l-istocks minghand l-operaturi precedenti u kien imisshom tkellmu dak in-nhar stess.

Dr Malcolm Pace xehed illi ghalkemm il-konvenuti kellhom ihallsu lis-socjeta' attrici premium ta' hamest elef lira, minbarra l-VAT ta' 18% *'on the take over date'*, dan ma sarx ghaliex fuq talba tal-konvenuti, il-partijiet ftehmu li jinghataw aktar zmien biex ihallsu l-*premium* dovut bl-imghax ta' 8%, billi riedu jixtru aktar *stock* u jaghmlu xi spejjez biex jimmilljoraw il-hanut. Huwa qal illi kull darba li fakkarhom biex ihallsu l-flus, il-konvenuti talbu aktar zmien u dan l-ammont ghad iridu jhallsuh.

Huwa kompla xehed illi meta l-konvenuti bdew jaqaw lura fil-hlas tal-'*management fees*', u kien jidher li ma kienux sejrin tajjeb fil-bejgh u li kienu tilfu l-interess. Huwa beda jircievi hafna ilmenti mill-girien u klijenti tal-ispizerija li l-affarijiet kienu sejrin hazin ghaliex hafna prodotti kienu kontinwament 'out of stock', sahansitra anki dawk bazici bhal 'panadols', 'antibiotics' u prodotti ohra. Dr Pace ddikjara illi b'hekk huma naqqsu mill-obbligi taghhom senjatament dawk stabbiliti fil-klawzola numru dsatax (19), b'tali mod u manjiera li kkagunaw danni sostanzjali lis-socjeta' attrici bit-telfien ta' hafna mill-klijentela' tal-ispizerija u tal-goodwill tal-hanut. Huwa kompla qal illi tant hu hekk li minkejja r-refurbishment li sar, eventwalment kien difficli hafna biex jinstabu operaturi godda ghall-ispizerija minhabba l-isem hazin li hadet bl-agir tal-konvenuti.

Dr Malcolm Pace xehed illi s-socjeta' attrici tat lill-konvenuti, ghal zmien limitat ta' erba xhur, l-possibilita' li jsibu huma stess terzi persuni biex joperaw l-ispizerija minflokhom bl-istess kundizzjonijiet. L-ghan ta' dan kien illi jekk jigi ffirmat ftehim gdid ma' operaturi godda sa mhux aktar tard mill-hmistax (15) ta' Awissu 2008, il-konvenuti ma jkunux obbligati jhallsu l-premium ta' Lm5,000. Ghal dan il-ghan, fost affarijiet ohra, sar il-ftehim tat- 18 ta' April 2008 bejn il-partijiet. Pace qal illi ghalkemm il-konvenuti ressqu xi zewg persuni interessati, dawn riedu jhallsu ferm anqas mill-*management fee* applikabbli minghajr ma jhallsu il-*'premium'* u b'hekk dan ma kienx accetabbli ghas-socjeta' attrici.

Dr Malcolm Pace qal illi tant il-konvenuti riedu jtemmu l-operazzjoni taghhom tal-ispizerija kemm jista jkun malajr illi, minghajr ma stennew sakemm jghaddi l-perjodu kollu tan-*'notice'* ta' sena, huma accettaw ukoll u ntrabtu bil-miktub hekk skond il-klawzolu numru 18 tal-ftehim tat-30 ta' Settembru 2005, li jhallu fl-ispizerija u jghaddu lis-socjeta' attrici ghal beneficcju tal-operaturi l-godda l-oggetti li gejjin: is-CCTV cameras u taghmir li kienu nstallaw, minbarra l-kompjuter u programm ta' software tal-bejgh u l-istocks u t-television fil-waiting room barra l-klinik - il-valur ta' dawn l-affarijiet jammontaw ghal aktar minn €4500. Pace zied qal illi meta telqu mill-ispizerija, l-konvenuti ma zammewx il-kelma taghhom u sahansitra hadu dawn l-affarijiet maghhom. Dan l-ammont huwa wkoll dovut lis-socjeta' attrici mill-konvenuti.

Dr Pace xehed illi is-socjeta' attrici ftehemet mal-operaturi l-godda li meta jiehdu f'idejhom l-ispizerija u jsir il-*hand over* mill-konvenuti, ghandu jkun hemm mhux anqas minn €35,000 ta' *saleable stock* bil-valur tal-prezzijiet li jinbieghu lill-konsumatur. Dr Pace ddikjara illi meta nhadem il-valur tal-istock, wara l-*istock taking* u *hand-over* li sar mill-konvenuti lill-operaturi l-godda, rrizulta li kien hemm nuqqas fil-valur tal-*istocks* ta' €6863.07 mill-valur tal-istock li kellu jghaddi mat-terminazzjoni tal-ftehim mill-konvenuti lill-operaturi l-godda. Dr Pace xehed illi dan l-ammont ghadu dovut mill-konvenut peress illi jirrizulta li s-socjeta' attrici kellha tikkumpensa lill-operaturi bl-ekwivalenti fi flus kontanti.

Ix-xhud sahaq illi l-valur tal-istock, li ghadda mill-konvenuti lill-operaturi l-godda u li jinkludu s-segwenti, u cjoe: prodotti bid-dati skaduti jew ‘expired’, prodotti li kienu anki ‘obsolete’, ‘shop spoiled’, ‘over-priced’, prodotti anki b’ ‘contents unusable’, ‘low factor sunblock’, ‘discontinued by manufacturers’, ‘no instructions in English’, u anki ‘stock’ antik li m’ ghadux jinbiegh fi hwienet ohra u li ghalih ma hemmx aktar domanda, ‘stock with faded containers or packaging’ jew danneggjati u li ma jistawx jinbieghu, u anke prodotti ‘unsaleable’ skond il-klawzola numru hamsa (5) tal-ftehim tat-30 ta’ Settembru 2005, jammonta ghal €6952.24. L-operaturi l-godda u s-socjeta’ attrici mill-ewwel irrifjutaw l-*unsaleable stock* izda l-konvenuti ma tawx kaz. Dr Pace xehed illi dan l-ammont ukoll huwa dovut mill-konvenut lis-socjeta’ attrici li ukoll sadanittant kellha tikkumpensa lill-operaturi l-godda bi flus kontanti.

Dr Pace jghid illi skond il-klawzola numru 8 tal-ftehim tat-30 ta’ Settembru 2005, il-konvenuti ntrabbtu illi jifthu l-farmacija sitt ijiem fil-gimgha u jifthu l-Hadd skond ir-roster ufficjali filwaqt illi skond klawzola numru 9, il-konvenuti intrabtu wkoll “to pay the owner by way of pre-liquidated damages the amount of one hundred Maltese Liri (Lm100) per day in the event the pharmacy is kept closed or without a Managing Partner for any reason whatsoever.”

Dr Pace kompla qal illi gara li l-konvenuti wara xi zmien li bdew joperaw l-ispizerija bdew ihallu l-ispizerija maghluqa ghal xi sieghat matul il-gurnata, igifiri jew in- nofs ta’ nhar ta’ filghodu jew ta’ filghaxija, u cioe’ f’hinijiet meta normalment spizeriji ohra jkunu miftuhin ghall-pubbliku, jew anke sahansitra l-jum kollu. Dr Pace xehed illi hafna drabi l-ispizerija kienet tinfetah mill-konvenuti fis-sitta ta’ wara nofs in-nhar (18.00) minflok fl-erbgha (16.00) jew ma tinfetah xejn. Huwa zied qal illi wiehed mill-konvenuti, li ma kienx spizjar, kien ikun prezenti bl-ispizerija miftuha ghall-pubbliku minghajr spizjar – minkejja li huwa qal illi wissa lill-konvenuti f’dan is-sens, huma xorta wahda baqaw jaghmlu hekk.

Dr Pace xehed illi d-danni prelikwidati ta’ Lm100 ghal kull jum li l-ispizerija nzammet maghluqa ghal kwalsiasi raguni jew minghajr spizjar ghat-tul tal-perjodu tal-ftehim, jammontaw ghal mill-anqas 138 jum ghal €32,154. Huwa zied qal illi l-ammont ta’ granet li l-ispizerija inzammet maghluqa mill-konvenuti ghal kwalsiasi

raguni jew minghajr spizjar kien ferm aktar, tant li fl-ahhar sena u nofs biss dan kien isehh kwazi kuljum u li dan l-ammont huwa wkoll dovut lis-socjeta' attrici mill-konvenuti. Dr Pace xehed illi dan jirrizulta wkoll b'mod inekwivoku mill-Cash Register u mill-kompjuter li kienu juzaw il-konvenuti ghall-bejgh li kienu jaghmlu kuljum u li kien jimmarka d-data u l-hin.

Ix-xhud qal illi li kieku l-konvenuti onoraw l-obbligi taghhom skond il-ftehim tat- 30 ta' Settembru 2005 u li kieku ma ghamlitx dik il-hsara kollha, s-socjeta' attrici kienet takkwista *'premium'* ferm ghola. Konsegwentament, l-operaturi l-godda spiccaw hallsu nofs l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici.

Dr Pace zied jghid illi l-konvenuti ma kienux qed izommu *'proper records'* tal-bejgh taghhom tant li rrifjutaw jew kienu jisthu juru dokumenti bl-ammont ta' bejgh li kellhom lill-operaturi godda prospettivi, bl-iskuza li dan kien kunfidenzjali u konsegwentament dan gerrex hafna minn operaturi potenzjali.

Wara li l-operaturi l-godda bdew joperaw l-ispizerija rrizulta li meta sar il-handover mill-konvenuti kien hemm inkluz valur ta' *stock* tal-marka Remington li ma kienx imhallas mill-konvenuti izda kien *'on consignment'*, liema valur jammonta ghal €513.79. Dan l-ammont huwa wkoll dovut mill-konvenuti lis-socjeta attrici li kellha tikkumpensa lill-operaturi l-godda bl-ekwivalenti fi flus kontanti.

Dr Pace xehed ukoll illi l-konvenuti naqqsu milli jhallsu il-kontijiet ta' kiri tal-*meters* u tal-konsum tad-dawl u ilma u dan bi ksur ta' klawzola numru 17 tal-kuntratt tat-30 ta' Settembru 2005, fejn dawn baqaw ma thallsux u li b'hekk issa jammontaw ghal €504.75/ Dan l-ammont huwa wkoll dovut lis-socjeta' attrici li hekk kif xehed Dr Pace, kellha tikkumpensa lill-operaturi l-godda meta dawn gew kostretti jhallsu dawn il-kontijiet biex jevitaw sospensjoni fis-servizz. Dr Pace qal ukoll illi l-istess gara bil-kont tat-telefon fuq in-numru 21448454 li baqa' ma thallasx mill-konvenuti u li jammonta ghal €65.54 u liema ammont huwa wkoll dovut mill-konvenuti lis-socjeta' attrici.

Dr Pace kkonkluda billi qal illi l-konvenuti lanqas ma hallsu l-licenzji kollha dovuti ghall-ispizerija u li dawn huma konsegwentament wkoll dovuti lis-socjeta' attrici. Qal illi l-konvenuti la baghtu l-formuli skond il-ligi lid-Dipartiment tal-Istatistika dwar l-ispejjez u bejgh taghhom fl-ispizerija, u lanqas ma aderixxu mar-rekwiziti tal-ligi dwar id-Data Protection Act u ghalhekk issa jridu jhallsu l-penaltajiet u multi li gew imposti mill-awtoritajiet kompetenti ghal dawn in-nuqqasijiet.

Huwa esebixxa s-segwenti:

1. Affidavit ta' Carmel Scicluna mmarkat 'MPP1';
2. Sett ta' 18-il ritratt mmarkat 'Dok MPP2' sa 'MPP19' li huma ritratti ta' selezzjoni ta' damaged stock u unsaleable goods illi l-konvenuti ghaddew lill-operaturi l-godda mall-handover;
3. Stock list tal-istock kollha li ghaddha lill-operatur il-gdid tal-familja ossia Carmel Scicluna mmarkat Dok 'MPP20';
4. Lista tad-damaged goods kollha mmarkat Dok 'MPP21';
5. Sample ta' xi oggetti difettuzi li huma msemmija f'Dok 'MPP21' u cjoe';
    a. Stea, sterilizer li huwa miksur;
    b. Himalaya Herbal Deep Cleansing Lotion li hu mqabar, *shop spoiled*, u *expired*;
    c. Himalaya anti-dandruff hair cream li hu expired;
    d. 2x sun lotion No.6 li huma skaduti;
    e. Payot Crème Douche night li hu mqabar u skadut;
    f. Par zraben imqabrin ghall-ahhar;
    g. Baby sun UV30 "U vistat li hu *shop spoiled* u skadut";
    h. 2x Bonacure cream li huma miksurin u mqabrin, u li huma skaduti;
    i. La cote fluido mani Guam li hu *shop spoiled* u skadut;

j. Trattamento Intensivo per capelli uomo + donna "Keratin Crinex, skadut u *shop spoiled*";

k. Dermatorie serum per la bellezza del seno "Dibidem" li hu *damaged*, *shop spoiled*, u skadut;

l. Fridge / Distillizer lock li hu *shop spoiled* u mqabar;

m. Blood pressure wrist monitor tad-ditta "Clt Medical" li huwa *damaged* u mqabar;

n. Support tights tad-ditta "Boots" li hu mqabar;

o. "Feet shock absorbers" li huma mqabrin;

p. Mascara u Fixative eyebrow li huma mqabrin u skaduti;

q. Tongue Cleaner tad-ditta "Fresh Breath" li hu mqabar;

Huwa xehed illi fid-data li gew kkonsinjati lura, kien hemm numru ta' prodotti li kienu jew skaduti jew bl-*expiry sate* / *shelf life* ta' inqas minn tlett xhur, u kwindi dawn ma setawx jinbieghu minhabba li l-konsumaturi ma jridux prodotti b'*shelf life* daqshekk qasira, specjalment meta l-uzu ta' dawn il-medicini tkun fuq medda ta' xhur jew sena. Xehed illi kien hemm xi prodotti illi saru *unsaleable* minhabba direttiva tal-Unjoni Ewropea fejn jinghad illi jekk sa certu zmien ma jkunx hemm *expiry date* u id-dikjarazzjoni dwar l-ingredjenti li gew uzati fil-formola ma jigux indikati fuq il-prodott, dan il-prodott ma jistax jinbiegh lill-pubbliku. Huwa ddikjara illi kien hemm prodotti ohra *shop spoiled* u/jew bir-*wrappers* fi stat hazin hafna jew imqattajn – il-konsumatur jirrifjuta jixtri tali prodotti. In kontro-ezami, ix-xhud kkonferma li dawn l-oggetti kienu ghaddew lill-inkwilin il-gdid izda dan ma' accettahomx. Dr Pace xehed illi Carlo Scicluna kien oggezzjona u rrefjuta l-prodotti imsemmijin hawn fuq.

**Joseph Sant** xehed illi hu u l-partner tieghu Therese Piscopo kienu jiggestixxu l-farmacija bl-isem Holy Cross u dan bi ftehim ma' Dr Malcolm Pace jew mal-kumpanija tieghu. Xehed illi bhala impjegati kellu lil Mark Spiteri, Romilda Zarb u Claire Spiteri Staines u dawn bhala spizjara *part-time.* Ir-roster kien ikun hekk: is-Sibt kien ikun hemm Romilda, mit-Tnejn sal-Gimgha kien ikun hemm Claire Spiteri

Staines li kienet il-manager pharmacist, filwaqt li filghaxija kien dejjem ikun hemm Mark Spiteri.

Meta muri Dok FJV1 huwa kkonferma illi l-istock kien ghadu f'kaxxi ssigilati fil-farmacija Xehed illi l-ixkafef kienu prattikament vojta, l-ispizerija mitluqa u mahmuga. KKonferma illi l-*istock take* kien sar ma' Philip Degabriele, li kien sar *handwritten,* u li tnizzlu prezzijiet u mhux deskrizzjonijiet tal-oggetti. Xehed ukoll illi dakinhar kienu gibdu l-attenzjoni lil Dr Malcolm Pace illi apparti l-istock issigillat fil-kaxxi mixtrija minn Alfred Gera & Sons, l-istock kollu rimanenti kien jew antik jew obsolete jew b'timbri ta' spizeriji differenti. Xehed illi Dr Malcolm Pace qallhom illi dak misshom rawh qabel. Huwa kkonferma li Dr Malcolm Pace ma kienx prezenti fl-*istock take*. Ix-xhud qal illi wara li ffirmaw il-kuntratt tal- kera u gew biex jiehdu l-pussess tal-farmacija u tal-kontenut, kien hemm hafna kwistjonijiet mal-operaturi precedenti ghaliex aktar minn nofs l-*istock* kien *unsaleable.* Huwa ddikjara illi l-*istock take* sar is-Sibt, u t-Tnejn ta' wara marru l-ufficju ta' Dr Pace fejn spjegawlu illi l-*istock* kien *unsaleable* ghaliex kien *shop spoiled,* gej minn spizerijji ohra u skadut. Sant sahaq illi Dr Pace qallu li l-*istock take* sar ghalhekk u kien messhom rrifjutawh dak il-hin u li issa huwa tard wisq. Konsegwentament huwa isugerixxa li dan l-istock jbieghuh bi prezz baxx biex jinbiegh u li l-istock hazin kellhom izommuh u jhalluh lil ta' warajhom.

Huwa ghamel referenza ghas-seduta numru 1 li fiha s-socjeta' attrici esebiet 18 –il ritratt immarkati bhala Dok. MPP2 sa Dok. MPP19 li huma ritratti ta' selezzjoni ta' *damaged goods* u *unsaleable goods* illi l-konvenut ghadda lill-operatur il-gdid mal-*handover*. Dwar dan huwa xehed illi l-maggor parti tieghu huwa *stock* li kien ha minghand Dr Pace meta dan irrifjuta akkost ta' kollox illi dan kien *unsaleable*. Huwa qal ukoll illi dak l-*istock* li semma Dr Pace li jammonta ghal-valur ta €35,000 huwa l-ftehim il-gdid li K&M Ltd kellha mal-operatur il-gdid, u skont il-kuntratt illi kellu huwa ma K&M, il-valur tal-istock li ha kien ta' Lm 12,500 jew €29,000.

Dwar l-*istock lists* kollha mghoddija lill-operatur il-gdid, ossia Carmel Scicluna u mmarkat bhala Dok. MP20, Sant xehed illi meta ghamlu l-*handover* mal-operatur il-

gdid, huwa seta' f'kull hin jirrifjuta l-istock u li fil-fatt kien hemm xi oggezzjonjiet, pero' il-bqija tal-istock gie accettat.

Ix-xhud ghamel referenza ghal-lista ta' damaged goods immarkata bhala Dok. MPP21, kif ukoll ghas-*samples* esebiti u jikkonferma illi dawn huma *damaged*, *shopspoiled* jew *expired*. Izid jemfasizza illi l-*istock take* sar minghajr ebda oggezzjoni u ukoll illi ma kien hemm ebda oggett *expired.* Huwa zied jghid illi qatt ma gie avvicinat b'xi lment dwar l-*istock.*

Xehed ukoll illi l-pagamenti tal- farmacija, cjoe dawk bhala *management fees*, kienu jsiru permezz ta' cekk. Huwa xehed illi huwa hallas il-*management fees* kollha u li kienu mhallsa l-iktar permezz ta' cekkijiet u li kien hemm xi pagamenti *cash* wkoll. Hu jsostni illi m'huwiex minnu li kien hemm xi *management fees* dovuti. Hu xehed illi qatt ma ra jew rcieva l-*invoices* tal-*management fees* hekk kif esebiti a fol 91 sa 99. Huwa esebixxa *shadow copy* tac-cekkijiet mahruga f'isem K&M Ltd, qieghdin fl-istess ordni tal-invoices mmarkati HC4 sa HC12 u li gew mmarkati bhala Doks. JSA1 sa JSA8. Huwa qal illi Doks. JSA1 sa JSA8 ghandhom il-valur korrett, u mhux l-invoices mmarkati HC4 sa HC12. Huwa pprezenta prospett tac-cekkijiet esebiti bid-data wkoll ta' meta ssarfu u li gie mmarkat Dok. JS9. Huwa xehed illi d-data ta' Dok. JS9 jikkorrispondi mad-dati ta' Dok. HC1.

Huwa qal illi wara li ghamel certu verifiki jirrizulta illi c-*chequebook* li nzammu mal-farmacista m'ghandux il-mamma mimlija filwaqt li kkonferma mal-*partner* tieghu li certu pagamenti saru cash u ma hemmx *record* taghhom. Dan ic-*chequebook* kien intestat f'ismu u f'isem Therese Piscopo u mahrug minn HSBC Malta plc.

Xehed illi filwaqt li l-maggoranza tal-bejgh kien isir bil-*cash register*, peress li d-dawl kien jinqata' ta' spiss kienu juzaw ukoll *manual receipts.*

Xehed illi l-ispizerija kienet tinfetah mid-9.00 sa 12.00 u mill-16.00 sas-19.00 jew it-20.00. Huwa qal illi m'huwiex minnu li l-farmacija kienet tinfetah fil-17.00 jew 18.00 ta' wara nofsinhar. Kompla qal illi kien sar test ghal-ftit zmien sabiex jifthu bejn il-17.00 u id-21.00 minhabba t-tobba. Xehed illi dan kien sar bi qbil ma' Dr Malcolm

Pace u li wara kienu rritornaw ghal-hinijiet normali. Meta mistoqsi dwar l-gharfien tieghu dwar il-*legal notice*, huwa qal illi huma kienu jahdmu bhal spizeriji ohra. Xehed ukoll illi huma kienu installaw *airconditioning*, *geyser* u installazzjoni ta' ilma (flimkien ma' apparat iehor) - dawna kollha a spejjez taghhom u kollha thallew hemm.

Sant kompla xehed illi meta hadu l-ispizerija, din kienet fi stat dizastruz u konsegwentament huma ghamlu *toilet* gdid, zewg *clinics* godda bil-*couches* godda, bidlu l-art, dawl u ilma, ghamlu vetrini godda u *airconditioner*, installaw *CCTV cameras* u *fridges* u li dawn kollha gew rritornati lis-sid fi stat tajjeb u funzjonabbli. Ix-xhud qal ukoll illi bdew igibu xi tobba bhal Dr Theuma, il-*physiotherapist* Martin Ellul, u l- ENT specialist Mr Borg.

L-konvenut gie mitlub jesebixxi xi dokumenti u dwar dawn huwa xehed illi m'ghandux is-segwenti: l-ismijiet u l-indirizzi tal-ispizjara mpjegati minnu, l-indirizzi ta' Jeanette Pace, Patricia Micallef, Ena Mifsud and Therese Visanic, dettalji dwar cekkijiet mahruga ghall-hlas ta' *management fees* u *premiums,* rcevuti tal-istock "Remington" fl-ammont ta' €513.79, *payslips* tal-impjegati, *sales records* u *purchase invoices* tal-farmacija.

**Carmel Scicluna,** bl-affidavit tieghu datat 24 ta' Novembru 2010, xehed illi skond il- "*Management Contract* li ghamel mal-kumpanija K&M Ltd irrapprezentata minn Dr Malcolm Pace, huwa ha t-tmexxija tal-ispizerija "Holy Cross Pharmacy" ta' 37/8, Triq il-Kbira, B'Kara fit-18 ta' Mejju 2009. Huwa qal illi skond dan il-ftehim, K&M Ltd kellha tipprovdi stocks tal-ispizerija ekwivalenti ghal €35,000, fid-data tal-bidu tal-kuntratt. B'hekk ix-xhud qal illi kellu jsir *stock take* sabiex jigi kkonfermat dan l-ammont ta' *stock* li ha f'idejh hu.

Ix-xhud qal illi dan l-*istock take* sar nhar is-Sibt 16 ta' Mejju, 2009, u li prezenti ghal dan l-ezercizzju kien hemm hu u l-familjari tieghu, l-operaturi precedenti tal-ispizerija cjoe, is-Sur Joe Sant u Therese Piscopo u xi familjari. Huwa qal illi rapprezentanti ta' K&M ma kienux prezenti.

Huwa xehed illi waqt l-*istock take* deher mill-ewwel illi parti sostanzjali mill-oggetti fl-*istock* li kien ser jigi mghoddi lilhom bhala parti mill-ammont maqbul fil-kuntratt, kienu qodma, skaduti, *'shop spoiled'*, bir-*wrappers* imqattajn, fliexken vojta u stock mhux f'kundizzjoni li jistghu jinbieghu u f'xi kazi mhux kompatibbli mal-generu ta' *stock* ta' spizerija. Huwa minnufih gibed l-attenzjoni tal-operaturi precedenti fuq dan il-fatt, izda huma qalulu illi ghandu jghid lil K&M Ltd u mhux lilhom. Huwa xehed illi kien jidher car illi kieku kompla jinsista maghhom kienu ser jieqfu f'nofs l-ezercizzju tal-*istock take* u ma kienx ikun f'posizzjoni li jiehu *"over"* l-ispizerija mit-Tnejn, 18 ta' Mejju, 2009.

Waqt l-*istock take*, induna wkoll illi r-*refrigerator* li normalment kienet tkun fid-*dispensary* halli jinzammu l-medicini f'temperatura baxxa, kif wkoll sett tat-*television,* li kienu wrewh Sant u Piscopo meta kien mar jara l-ispizerija, kienu nieqsa. Meta mbaghad kellem lil Sant dwar dan, huwa qallu illi dawn l-affarijiet kienu tieghu u li b'hekk ma kienx lest illi jhallihom fl-ispizerijja u zied jinformah illi kien ser jiehu l-*computer* u li xtaq jiehu wkoll is-*security cameras*. Huwa ha il-*computer* ftit jiem wara izda s-*security cameras* ma hadhomx. Scicluna ddikjara illi rrizulta illi dawn il-*cameras* ma kienux jahdmu u li xorta wahda kellu jixtri sistema gdida.

Scicluna qal illi fl-ahhar tal-*istock take* rrizulta li t-total ta' *stock* li kien hemm fl-ispizerija (inkluz dak skadut, *shopspoiled*, hazin, u li ma setghax jinbiegh u li ghaddewlu Sant u Piscopo), kien jammonta biss ghal €28,136.93.

Scicluna xehed illi meta fethu l-ispizerijja, huma saru jafu minghand xi klijenti u anke *suppliers* illi l-ispizerija ghamlet zmien twil fejn mhux dejjem kienet tiftah, specjalment filghodu, tant illi xi *suppliers* lanqas biss kienu ghadhom jghaddu l-ispizerija sabiex joffru l-prodotti taghhom. Xehed illi minhabba *stock* nieqes, hafna klijentela kienu intilfu u li di fatti fl-ewwel ftit granet il-bejgh narament kien jaqbez il-mitejn Ewro kuljum. Wara saru jafu wkoll illi xi ftit oggetti (partikolarment tad-ditta Remington), ghalkemm kienu ttiehdu fl-*istock* ma kienux proprjeta' tal-ispizerija ghax kienu fornuti bhala *"on consignment"*. Scicluna xehed illi dakinhar stess, huwa mar ghand Dr Pace u qallu b'dak kollu li kien gara u li sab. Dr Pace qal lil Scicluna sabiex jippreparalu lista tal-affarijiet li fl-opinjoni ta' Scicluna ma kienux sodisfacenti u xi

kampjuni. Dwar in-nuqqas ta' stock kien qallu sabiex temporanjament ma jhallsux il-hamsin fil-mija tal-*premium* li kien ghad fadallu jaghtih sakemm Sant jaghmel tajjeb ghax-*shortage* fl-*istock*. Huwa ghamel din il-lista u din ammontat ghal €7,504.62 – huwa xehed illi skond ir-regoli li jirregolaw it-tmexxija ta' spizeriji, huwa ma setghax jesebixxi ghal-bejgh oggetti li huma skaduti, qodma jew b'pakketti jew konteinituri mqattghin jew *faded*. Sussegwentament iltaqa' ma' Sant u Piscopo sabiex forsi jaslu fuq il-mod li kellhom jirrifondu ghas-*shortage* ta' *stock* u ghal dak l-istock li ma kienx accettabbli. Sant kien ippropona lil Scicluna sabiex jixtri xi prodotti minghand xi agenti ta' prodotti kosmetici li jindikalu hu u li jammontaw ghal valur ta' €500 fix-xahar u li mbaghad kien jiehu hsieb ihallas hu ghalihom. Ix-xhud qal illi dan l-arrangament ma kienx accettabli ghalih peress illi l-ewwel nett huwa kien diga forna l-ispizerija bl-*istock* kollu u peress ukoll illi ma setghax jistenna iktar minn sena biex jithallas ghax-*shortage*. Meta dan qalu lil Sant, Sant qallu li huwa ma setghax ihallas b'mod iehor u issugerilu allura jkellem lil Dr Pace. Scicluna jsemmi illi kien gibed l-attenzjoni lil Sant dwar xi kontijiet pendenti tat-telefon, dawl, ilma, internet u television u Sant qallu sabiex jghaddilu dawn il-kontijiet sabiex ihallashom hu. Il-kontijiet tat-telefon, internet u television eventwalment gew mhallsa mis-sur Sant, izda sa fejn jaf hu l-kont tad-dawl u ilma li jammonta ghal €504.75 ghadu ma thallasx. Scicluna qal ukoll illi kien hemm xi kontijiet ohrajn pendenti ma' xi *suppliers* ohrajn li kien qed jircievihom hu u li ghal bidu kien qed ikollu xi problemi ma' dawn is-suppliers bhal, per ezempju, VJ Salomone, Miller u Professional Health and Beauty, ghaliex ma ridux ikomplu jfornuh qabel ma jithallsu ghal dawn il-kontijiet. Huwa zied qal illi kien baghat kopja ta' dawn il-kontijiet lil Sant.

Kompla xehed illi l-istock *"on consignment"* tar-Remington kien jammonta ghal €513.79, u s-supplier qallu li jekk ma jithallasx tieghu, huwa kien ser jiehu l-*istock* lura – ghalhekk, fil-kaz li jigri dan, is-*shortage* tal-*istock* ser jikber b'dan l-ammont.
Scicluna xehed illi meta Sant wasal jissugerixxilu sabiex ihassar l-*expiry dates* halli jkun jista' jbiegh l-istock, huwa rrealizza li m'ghandu ebda triq ohra ghajr li jzomm il-pagamenti tal-kera dovuti lil K&M Ltd sakemm din l-istorja ssolvi ruhha. Huwa kkonferma illi sal-24 ta' Novembru 2010, huwa kien zamm pagament ta' hamsin fil-mija (50%) jigifieri sebat elef u hames mitt Ewro (€7,500) liema kienu dovuti bhala

*premium* lil K&M Ltd, kif ukoll zewg pagamenti ta' tlett (3) xhur il-wiehed, jigifieri sebat elef, hames mija u seba u tletin euro (€7,537) dovuti bhala kera.

**Philip Degabriele** mpjegat ma' Munacra Ltd, liema kumpanija kienet tiggestixxi l-farmacija Holy Cross flimkien ma' xi erba' farmaciji ohrajn. Huwa xehed illi dan kien fis-snin 2004/2005. Huwa kkonferma illi meta ttermina l-lokazzjoni kien sar *stock-taking* tal-ispizerija - kollox sar bil-miktub u finalment anki saret *valuation* u xi fotokopji. Dawn gew iffirmati minnu u minn Joseph Sant. Huwa qal illi jaf li kien hemm xi oggetti li kienu jew skaduti jew *shop spoiled*, izda pero, huwa qal illi ma jafx jekk tali prodotti kienux inkluzi jew eskluzi mill-lista tal-*istock take*. Huwa kkonferma illi kien l-inkwilin antecedenti ghall-konvenut - igifieri mat-terminazzjoni tal-kirja huma ghaddew l-pussess lill-konvenut. Huwa qal illi ma jafx jekk wara li sar l- *istock take* u wara li identifikaw l-oggetti skaduti u/jew *shop spoiled*, il-konvenuti qajjmux xi ilmenti ohrajn. Huwa xehed illi kien sar inventarju peress illi huma kienu obbligati jhallu l-istess valur ta' *stock* bhal dak li sabu meta hadu l-kirja – hawn kien qieghed jitkellem dwar *saleable stock.* Wara l-*valuation* kienu ndunaw illi l-valur tal-istock kien inqas mill-valur tal-*istock* originali fl-ammont ta' Lm4800. Huwa qal illi konsegwentament, huma kienu xtraw *stock* gdid sabiex jaghmlu tajjeb ghad-differenza. Dawn inxtraw minn Alfred Gera & Sons u kienu fil-bicca l-kbira medicina.

**Francis J. Vassallo**, direttur ta' Munacra Ltd, xehed illi huma kienu krew l-proprjeta' Holy Cross Pharmacy u St. Matthew's Pharmacy minghand il-kumpanija ta' Dr Malcolm Pace. Huwa qal illi meta tterminat il-lokazzjoni huma kienu taw *handover* lill-kumpanija ohra. Vassallo kkonferma illi fil-kuntratt kienu obbligaw rwiehhom li mat-terminazzjoni huma kellhom ihallsu l-istess ammont bhala valur tal-*istock* tal-farmaciji bhal dak li sabu fil-mument li dahlu fil-kirja. Ghalhekk mal-mument tat-terminazzjoni ghamlu *stock take* taz-zewg farmaciji u sabu li kellhom in-nieqes. Kkonferma wkoll illi minflok ma hallsu d-differenza huma kienu xtraw stock minn Alfred Gera & Sons sabiex jaghmlu tajjeb ghal dan in-nuqqas. Huwa qal illi ghalkemm bhala fondijiet kienu fl-lokalitajiet differenti, l-gestjoni taghhom kienet unitarja. Huwa esebixxa kopja tal-invoice tal-istock li nxtara ghal dan il-ghan u mmarkaha bhala Dok 'FJV1'. Qal ukoll illi huma kienu hallsu lil Alfred Gera & Sons

Ltd direttament. Xehed illi l-ammont tal-akkwist kien dak ta' €11,255.47 u kkonferma illi l-persuna responsabbli ghal-kumpanija tieghu ghal dan l-istock kien l-*accountant* tal-kumpanija, Philip Degabriele. Kkonferma wkoll illi dan l-*istock take* kien sar flimkien mal-konvenuta. Fir-rigward ta' St Matthew's Pharmacy, dan kien sar ma Daniel Falzon li huwa mpjegat ta' Daniel Grech.

**Claire Spiteri Staines** xehedet illi hija kienet impjegata ta' Holy Cross bejn Novembru 2006 sal-ahhar ta' Frar 2007. Hija kienet managing pharmacist fuq bazi part-time u li kien il-konvenut li kien impjegaha. Hija kienet tahdem 4 sieghat filghodu ghal 4 darbiet fil-gimgha u b'hekk jidhrilha li kienet tahdem bejn 08.30 u 12.30. Kkonfermat illi filghaxijiet kien ikun hemm certu Mark Spiteri. Xehedet ukoll illi d-darba li ma kienitx tidhol hi, kienet tidhol spizjara ohra bl-isem Ina u li kienet tithallas b'Lm4 is-siegha.

**Charlotte Grech Ellul** esebixxit kopja ta' nota pprezentata in atti dwar komunikazzjoni bejnha u bejn ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici u mmarkata Dok 'CGE'. Hija kkonfermat illi hi s-sid ta' Holy Cross Pharmacy u li tircievi l-kera ghaliha. Xehedet illi hija kienet imgghiela tiffirma affidavit. Kkonfermat illi meta qamet il-kwistjoni dwar l-affidavit hija kienet qalet lil Dr Malcolm Pace sabiex ikellem lill-avukat taghha li huwa Dr John Seychell. Hija kkonfermat illi kienet saret laqgha d-dar taghha fil-presenza tal-avukat u li dakinhar inghataw kopja tal-abboz tal-affidavit u li ma tiftakarx l-ezitu tal-inkontru. Hija xehedet illi ma tiftakar xejn dwar ilmenti mressqin lir-rapprezentat tas-socjeta' attrici in konnessjoni mal-operat tal-ispizerija u li qatt ma kien hemm xi girien li kellmuha dwar il-farmacija. Tikkonferma illi kulhadd kien jaf ta' min hi il-farmacija u li kienet ilha f'idejn missierha mis-sena 1959, fejn mbaghad kienu wellewha.

Meta prodotta mill-konvenut, Charlotte Grech Ellul xehedet illi l-kirja ta' Holy Cross Pharmacy hija favur Cross Pharmaceuticals Ltd. u li tali kera tithallas kull 3 xhur bil-quddiem. Il-proprjeta' inkriet fis-sena 1976 u konsegwentament anki fis-sena 1998 ma' din l-istess kumpanija. **Dwar l-affidavit Charlotte Grech Ellul tikkonferma illi Dr Pace kien qalilha li minghajr dan l-affidavit hu ma kienx ser ihallas il-kera tal-ispizerija. Hija sahhqet illi la kienet taf jekk l-ispizerija hijiex nieqsa mill-**

**prodotti u lanqas jekk kienitx tkun maghluqa**. Ziedet qalet illi dan id-diskors **qatt ma inghad lil Dr Pace.** In ri-ezami hija xehedet illi lil Dr Pace kienet tikkuntattjah sabiex tkellmu **dwar il-pagament tal-kera peress lil l-pagament kien dejjem isir tard**. Qalet ukoll illi erbat ijiem qabel id-data tax-xhieda taghha, Dr Pace qalilha illi s-subinkwilin ma kienx qed ihallas u b'hekk hu ma setax ihallas lilha.

**Dr Malcolm Pace_** dwar dan xehed illi Charlotte Grech Ellul hija s-sid tal-farmacijja u din tikri lis-socjeta' attrici. Huwa qal ukoll hija kienet iccempillu diversi drabi u tghidlu li l-ispizerija tkun maghluqa, li mhux tiftah b'mod regolari u anki talbitu sabiex jaghmel dak kollu possibli biex il-hanut ikun miftuh. Xehed ukoll illi kienet qaltlu li l-*goodwill* tal-hanut kien intilef, li l-klijentela m'hix moqdija, li m'hemmx *stock* u li dan kollu gara meta Joe Sant kien qed jopera l-ispizerija. Dr Pace xehed illi huwa kien infurmaha li hemm proceduri l-Qorti u li kien ser iharrikha bhala xhud. Kien offrilha sabiex tixhed permezz ta' affidavit minflok u xehed illi kien hemm ftehim maghha u mal-avukat taghha, certu Dr Seychell Navarro, illi kellu jabbozza affidavit. L-affidavit thejja u ghaddha ghandhom, u Dr Pace qal illi kellu jisma minghandhom dwar xi korrezzjoni jew gurament. Dr Pace xehed illi ma kien sar xejn u li meta staqsiha x'ser jaghmlu, hi rreferitu ghand l-avukat taghha u li konsegwentament kien kostrett iharrikha bhala xhud fis-seduta.

**Audrey Ghigo**, rapprezentanta ta' HSBC Bank Malta plc, giet mitluba tixhed dwar cekkijiet mahruga mill-kont ta' Joseph Sant pagabbli lil K&M Ltd u Malcolm Pace bejn it-30 ta' Settembru 2005 u l-31 ta' Dicembru 2010. Xehedet illi jekk ma jkolliex dettalji dwar in-numri tac-cekkijiet jew ammonti specifici, din it-tfitxijja ma tistax ssir.

**Joseph Sant**, dwar dan xehed illi huwa mpossibli li jgib din l-informazzjoni peress illi ma kienx zamm il-mamma tac-cekkijiet u m' ghandux *records* ohra taghhom. Huwa qal illi kien izomm 'simple accounts' u kien izomm *ledger* baziku fuq il-computer fejn kien jindika d-dhul u l-hrug u anki kien jindika c-cekkijiet relattivi. Hu xehed illi dawn ir-records intilfu peress li kellu kollox (inkluz back up) fuq hard disk li telqitlu. Huwa xehed illi la kellu accountant u anqas awditur, u li madanakollu, r-returns tal-Income Tax u VAT mlieghom hu personalment u dahlu kif titlob il-ligi. Xehed wkoll

illi l-pagament tal-*management fee* jirrizulta mill-VAT returns u l-Income Tax returns u qal illi qatt ma nghata rcevuta ghall-pagament tal-*management fee*.

**Mark Spiteri**, impjegat bhala farmacista fil-Holy Cross Pharmacy ta' Birkirkara, xehed illi huwa kien jahdem part-time u dejjem kien jahdem 3 sieghat. Qal illi l-ewwel beda jidhol mill-16.00 sad-19.00, u li mbaghad, peress li kellhom tabib idum (Dr Theuma), beda jahdem bejn il-17.00 u t-20.00. Dan it-tibdil fis-sieghat beda sentejn wara li beda jahdem. Esebixxa l-FS3 ghas-snin 2007 u 2006 li gew mmarkati Dok MS1 u MS2. Hu qal illi kien hemm diversi managing pharmacists fosthom Jeanette Pace, Patricia Micallef, Ina Mifsud u certu Therese - dawn kienu jahdmu filghodu. Huwa xehed illi hu qatt ma kien *managing pharmacist* u li minfloku gieli kien ikun hemm Jeanette Pace.

**Therese Piscopo** xehedet illi hija kienet il-partner fil-kummerc mal-konvenut. Hija xehedet illi l-konvenut kien responsabbli mill-amministrazzjoni u l-kontabilita'. Iddikjarat wkoll illi d-dokumentazzjoni dwar it-transazzjonijiet ta' xiri u bejgh kien izommhom il-konvenut. Qalet wkoll illi l-management fees u l-kontijiet kienu jithallsu mill-joint account taghhom.

**Dr John Seychell Navarro** xehed illi Charlotte Grech Ellul ghandha il-farmacija ta' Holy Cross Pharmacy izda hu kien jiehu hsieb il-kirjiet u l-amministrazzjoni generali taghha. Huwa kkonferma li l-farmacija kienet mikrija lil Cross Pharmaceuticals Ltd. Huwa xhed illi Dr Malcolm Pace xtaqha taghmel affidavit, illi kienu inghataw kopja tal-affidavit, u li ftiehmu li kellhom jaghtuh risposta. Kkonferma illi Dr Pace kien spiss ikkomunika mieghu sabiex igib risposta, u Dr Seychell Navarro xehed illi qallu li kien qieghed jitkellem mal-legali ta' Charlotte Grech Ellul. Sussegwentament, huwa qal illi Dr Pace talbu d-dettalji sabiex ikun jista' jikkomunika direttament mal-avukat taghha. Huwa kkonferma li Grech Ellul kienet qaltlu li Dr Malcolm Pace kien qalilha li jekk mhux ser tiffirma l-affidavit, hu mhux ser ihallas kera. Huwa xehed illi nhar it-2 t' April 2011, Charlotte Grech Ellul cemplet lil Dr Pace fil-prezenza tieghu u semghahha targumenta mieghu sabiex itiha l-pagament tal-kera u kienu imbaghad ftiehmu sabiex jiltaqghu it-Tnejn ta' wara fl-ufficju tieghu, izda hemm ma kien hemm hadd. Huwa ddikkjara illi kien cempel lil Dr Pace u qallu li suppost kellhom jiltaqghu

ghal appuntament, u Dr Pace qallu illi x-xhud kien jaf x'inhi l-posizzjoni tieghu – jew iffirma l-affidavit jew kera ma tiehux. Ix-xhud qal illi l-affidavit ma giex iffirmat u li l-kera thallset wara li giet intavolata ittra ufficjali interpellatorja.

**Ikkonsidrat:**

Fil-kaz in ezami s-socjeta' attrici qed titlob pagament tal-korrispettiv tal-premimum miftiehem, management fees, hlas ta' arretrati ta' servizzi u licenzji, hlas ta' stock nieqes u danni kkagjonati inkluz dannu lill-goodwill tal-farmacija bl-imghax.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi hemm provi u xhieda konfliggenti u b' mod partikolari ix-xhieda tal-partijiet fil-kawza.

Dwar il-korrespettiv tal-*premiums* jigi rilevat illi l-atturi jikkontendu illi l-ammont ta' € 11,646.50 qatt ma thallas. L-intimati jammettu illi huma qatt ma hallsu dan il-*premium* u talbu estensjoni ghall-pagament. Dan il-pagament qatt ma sar u l-intimati jghidu li dahhlu fi ftehim sabiex il-premium jithallas mill-inkwilin ta' wara l-intimat purche' jinstab inkwilin fi zmien prefiss. Finalment pero' s-socjeta' intimata baqghet ma thallsitx dan il-*premium* u jidher illi l-intimati minkejja li ressqu diversi nies ghall-inkwilinat, ma sabux inkwilin prospettiv. Ghalhekk a bazi tal-obbligi kuntrattwali minnhom assunti l-intimati ghandhom ihallsu l-premium fl-ammont ta' € 11,646.50 li fuqha ghandu jihallas il-VAT jekk dan hu dovut.

Ghal dak li jirrigwarda *management fees* il-Perit Legali kien tal-fehma illi l-kwistjoni hija aktar kumplessa u dan peress illi l-*management fee* li qed jintalab kumpens ghaliha s-socjeta' attrici, hija marbuta mal-gheluq tal-farmacija. Is-socjeta' attrici ippruvat permezz ta' FS3s ta' l-impjegati u anke ricevuti mahruga mill-cash register illi l-hanut ma kienx operanti f' certu granet u/jew hinijiet. Xehdu wkoll xi impjegat li kkonfermaw l-fatt illi f' xi granet huma individwalment ma kienux jattendu fil-farmacija jew kienu jahdmu b' xi roster. Il-Perit Legali sab illi s-socjeta' attrici tipprezenta xhud li kienet gara li kienet ser taghmel xi dikjarazzjoni ukoll dwar il-ftuh o meno ta' l-ispizerija li mill-provi migbura irrizulta li seta' kien hemm xi pressjoni mis-socjeta' attrici sabiex din ix-xhud taghmel tali dikjarazzjoni, dikjarazzjoni li eventwalment ma saritx.

L-intimati jichdu li l-farmacija kienet mimzuma maghluqa ghal granet u/jew f' hinijiet strambi u jghidu illi l-fatt illi haddiema kienu b' roster ma jfissirx illi l-hanut kien maghluq. Fuq kollox huma jghidu li kien hemm operazzjoni kummercjali kostanti izda jikkoncedu li nbiddlu li xi hinijiet ta' ftuh, sabiex jikkombacu mal-hinijiet li fihom kienu jpoggu t-tobba. Ghalhekk mill-assjem tal-provi il-Perit Legali kien tal-fehma illi ma setghax jasal ghal konkluzzjoni finali u oggetiva dwar jekk il-hanut inghalaqx jew le ghal xi zmien jew hin. Ghalhekk is-socjeta' attrici naqqset milli tipprova li kien jezisti dan in-nuqqas fuq bilanc ta' probabilita'.

Dwar hlas ta' arretrati ta' servizzi u licenzji ghandu jinghad illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici u l-intimat huma f'kunflitt dirett dwar x' inhuma u jekk kienx hemm arretrati x' jithallsu. Mix-xhieda ta' Carmel Scicluna l-inkwilin li dahal wara l-intimat xehed illi hallas arretrati ta' € 504.75 f' dawl u ilma u arretrati fis-somma ta' € 513.79 f' pagamenti lis-supplier tad-ditta Remington. Jirrizulta illi kontro-ezami ta' dan ix-xhud ma sarx u dawn is-sommom dikjarati mill-istess xhud ma gewx ikkontestati. Ghalhekk jidher illi dawn is-sommom huma kkonfermati, u ghalhekk l-intimat ghandhom jhallsu dawn is-sommom lill-atturi. Dwar il-kont tat-telefon is-socjeta' attrici pprezentat kont ta' l-istess kumpannija li juri li kien hemm bilanc ta' € 56.54 li kellu jithallas.

Dwar it-talba hlas ta' *stock* nieqes jigi rilevat illi dan il-punt kien dibattut *in extenso* bejn il-partijiet. Jirrizulta illi kien hemm kwistjoni fuq il-kwalita' ta' l-istock fil-mument illi l-intimati assumew il-farmacija. L-intimati jilmentaw illi kien hemm stock hazin u *unsaleable*. Minkejja li kienu jafu b' dan l-istock u ilmentaw ma' l-atturi jidher illi huma accettaw dan l-istock finalment peress illi ffirmaw ghalih. L-inkwilin il-gdid wkoll ilmenta minn stock hazin izda dan irrifjuta li jaccettah. Jidher illi kien hemm obbligu inkombenti fuq l-intimati li jghaddu valur kummercjali ta' stokk li ma ntalahaqx meta huma rrillaxxjaw il-fond. Fil-fatt il-Perit Legali kien tal-fehma li x-xhud Carmel Scicluna jikkonferma diskrepanza fil-valur ta' € 7,537. Minkejja illi l-intimati jiddikjaraw illi kontra l-istock antik ghamlu diversi ameljoramenti fil-fond ma jidhirx illi kellhom xi dritt ta' kumpens ghal dan fil-mument ta' terminazzjoni u ghal fini tal-kawza odjerna ma gietx intavolata kontro-talba. Ghalhekk l-ammont ta' diskrepanza fl-istock ghandu jithallas mill-intimati.

Dwar id-danni fuq il-*goodwill* jigi rilevat illi socjeta' attrici naqqset milli turi kif mill-*goodwill* originali (fatt ikkontestat mill-intimati li jghidu li ma kien hemm ebda goodwill) gie rekat dannu bl-operat ta' l-intimati.

**Ghalhekk il-Perit Legali kien tal-fehma illi l-Qorti:**

1) **Tilqa l-ewwel talba limitatament u dan billi tillikwida s-somma ta' € 20,258.58 (li maghhom ghandu jizdied VAT jekk dan hu dovut fuq il-premium) favur is-socjeta' attrici pagabbli mill-intimat;**

2) **Tilqa t-tieni talba limitatament u dan billi tordna l-hlas ta' l-imghax mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv;**

3) **Tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat fid-dawl tas-suespost.**

**Bl-ispejjez li ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.**

**Ikkonsidrat;**

Fir-rigward tar-rimbors ghal saleable stocks, il-Qorti tinnota illi skond il-klawsola numru hamsa tal-kuntratt in kwistjoni, l-intimati intrabtu illi jaghtu rimbors *in kind or in cash "...the value of all tock at the pharmacy amounting to twelve thousand five hundred Maltese Liri..."* Ghalhekk, b'applikazzjoni tal-principju pacta sunt servanda, is-socjeta rikorrenti ma tistax tippretendi ammont aktar gholi minn dan, ghaliex din kien is-somma illi l-partijiet ftehmu ghandha tigi rimborsata mill-intimati meta jiskadi l-kuntratt. Il-Qorti ma tistax tmur kontra dak li gie miftiehem bejn il-partijiet bil-mitkub, ghaliex il-kuntratt ta' bejn il-partijiet huwa car u ma jhalli l-ebda lok ghal interpretazzjoni.

Mill-provi jirrizulta li l-valur tal-istock imholli mill-intimati jammonta ghal **€28,136.93**. Minn dan l-ammont pero ghandha titnaqqas is-somma ta' **€7,504.62**, rapprezentanti il-valur tal-istock illi ma kienx f'kundizzjoni li jinbiegh, **kif jidher mill-affidavit ta' Carmel Scicluna a fol 262.** Ghalhekk, l-ammont ta' *resalesable* stock imholli mill-intimati fl-ispizerja kien ta' **€20,632.31**.

Skont il-kuntratt, l-intimati kellhom ihallu stock, jew jaghtu rimbors pekunarju fl-ammont ta' €29,069.76.

Ghalhekk l-ammont dovut lis-socjeta rikorrenti ai termini tal-klawsola numru hamsa huwa ta' **€8,437.45**.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta rikorrenti targumenta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha illi l-Perit Legali ghamel zball billi ma kkunsidrax il-*managament fee* u l-penali bhala zewg kondizzjonijiet tal-ftehim separati u distinti. Il-Qorti tqis illi din il-parti tal-argument tas-socjeta rikorrenti hija fondata, u huwa minnu illi l-managament fee m'hijiex u ma tiddependix fuq il-penali li tkun dovuta meta l-ispizerija tinzamm maghluqa.

Hawnhekk il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet differenti tal-fatti, fejn filwaqt illi s-socjeta rikorrenti ssostni illi l-intimati ma hallsux il-*management fee* skont il-kuntratt, l-intimati jsostnu illi huma dejjem hallsu din il-*management fee*.

Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi inghad illi:

> *"mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verzjonijiet moghtija tal-partijiet) ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke' fuq il-bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza*

> *civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (...) anzi', f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."*[1]

Inghad ukoll illi *"fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja*."[2]

F'kazijiet fejn il-Qorti tkun rinfaccata minn provi konfliggenti, il-Qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu gew prodotti quddiema, u cioe:

> 1. *Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*
> 2. *Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur.*[3]

Skont il-ftehim ulterjuri iffirmat bejn il-partijiet fit-18 ta' April 2008 li jinsab a fol 19, il-partijiet qabblu illi fiz-zmien ta' dak il-ftehim l-intimati kienu moruzi fil-hlas tal-premium li kellu jithallas fit-30 ta' Settembru 2005 fl-ammont ta' Lm5,000 u f'zewg pagamenti ta' management fees fl-ammonti ta' Lm1,575.30 li kien dovut fit-2 ta' Jannar 2008 u Lm1,593 li kien dovut fit-2 ta' April 2008, kif ukoll Lm1,000 ghal outstanding supplies.

Minn klawsola numru wiehed ta' dan il-kuntratt jidher illi z-zewg management fees u l-ammont dovut ghal outstanding supplies **thallas fuq il-kuntratt**, u ma jirrizulta xejn mill-process illi jwassal lil Qorti biex tikkonkludi illi dawn l-ammonti ma kienux thallsu fuq il-kuntratt. Fir-rigward tal-ammonti allegatament dovuti ghal management fees li jirrisalu ghal perjodu qabel dawk imsemmijin fil-ftehim ulterjuri, il-Qorti tqis

---

[1] **Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (24 ta' Novembru 1966).
[2] **Joseph Borg vs Joseph Bartolo**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) (25 ta' Gunju 1980).
[3] **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) (24 ta' Marzu 2004).

illi m'huwiex verosimili illi dawn l-ammont huma dovuti ghaliex li kieku dan kien il-kaz, dawn l-ammonti kienu jissemmghu fil-ftehim ulterjuri bhal ma gew imsemmijin l-ammont li kienu dovuti fit-2 ta' Jannar 2008 u fit-2 ta' April 2008.

Fir-rigward tal-bqija tal-ammonti allegament dovuti bhala *management fees*, l-Qorti tqis illi ma tista' taghti l-ebda affidament lix-xhieda tal-Avukat Dr. Malcolm Pace, u dan senjatament fid-dawl tal-agir deplorabbli tieghu meta avvicina xhud u heddida illi mhux ser ihallas il-kera dovuta lilha jekk ma tiffirmax l-affidavit li kien hejja u li kien jikkontjeni fatti li x-xhud innegat meta xehdet quddiem il-Perit Legali. Il-Qorti tqis illi dan l-agir, li huwa ferm deplorabbli ikkunsidrat illi x-xhud huwa wkoll avukat u ghalhekk ufficjal tal-Qorti, jimmina serjament il-kredibilita tax-xhud u jipprekludi lil Qorti milli tkun tista' taghti affidament lix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi ma hemmx provi bizzejjed biex il-Qorti tkun tista' tikkonkludi illi hemm xi management fees dovuti lis-socjeta rikorrenti.

Din il-Qorti taqbel perfettament mal-Perit Legali ghar-rigward ta’ dak konkluz dwar il-penali u taghraf illi ma hemmx provi sodisfacenti prodotti mis-socjeta’ rikorrenti li b’xi modd jipprovaw sal-livel probatorju rikjest mill-ligi, cioe’ fuq proponderanza ta’ provi, li l-ispizerija Holy Cross kienet filfatt maghluqa ghal-perjodu vantat mis-socjeta’ attrici. Illi di piu’ din il-Qorti ghar-ragunijiet gia’ fuq indikat bl-ebda mod ma tista’ taghti xi affidabilita’ fuq din il-kwistjoni lix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta’ rikorrenti, wara l-maniggi tieghu rigwardanti x-xhud Charlotte Grech.

**Ikkonsidrat;**

Fin-nota ta' kritika taghha, is-socjeta rikorrenti tikkontendi illi l-imghax ghandhom ikunu dovuti minn dakinhar illi l-ammont kienu dovuti peress illi kienet baghtet ittra ufficjali qabel ma intavolat il-kawza. Pero, kif tghid is-socjeta rikorrenti stess, it-talba li saret lil din il-Qorti **ma kienetx ghal kundanna ta' ammont specifiku u espress** fir-rikors guramentat, izda ghall-**likwidazzjoni tal-ammont** dovut.

Huma fatt ben risaput illi kontra debitu incert jew mhux likwidu ma jistghux jiddekorru imghaxijiet. [4] Ghalhekk huwa gust illi l-imghax jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza peress illi l-ammont dovut kellu jigi likwidat permezz ta' din is-sentenza.

Illi ghalhekk dak dovut mis-socjeta' intimata lis-socjeta' rikorrenti huwa s-segwenti:

| | |
|---|---|
| Nuqqas ta' hlas ta' *premium* | €11,646.50 |
| Nuqqas ta' kont tad-dawl | € 504.75 |
| Nuqqas ta' hlas ta' prodotti ta' Remington | € 513.79 |
| Nuqqas ta' hlas tal-*istock* | € 8,437.45 |
| Nuqqas ta' hlas ta' kont tat-*telephone* | € 56.54 |
| **Total** | **€21,159.03** |

**Ikkonsidrat;**

Fir-rigward tal-konkluzjonijiet l-ohra tal-Perit Legali, Il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' dawn il-Qrati:

> *"kif pacifikament assodat f'bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi* ***"dan ma jfissirx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine",*** *Appell 29 ta' Mejju 1998).* ***"Jigifieri l-Qorti ma tistax***

[4] **Vivian Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi,** Qorti tal-Appell Civili deciz 30 ta' Gunju 2004.

> ***tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca."*** *Appell 6 t'Ottubru 1999;* ***"John Saliba –vs-Joseph Farrugia",*** *Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

Il-Qorti tikkondividi **mal-bqija** tal-konkluzjonijiet raggunti mill-perit legali, taddotthom u taghmilhom taghha u ma jirrizulta ebda raguni impellanti li tikkonvinci lil din il-Qorti titbieghed mir-rizultanzi raggunti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tideddeciedi billi , filwaqt illi tichad limitament l-eccezzjonijiet tal-intimati, tilqa l-ewwel talba tas-socjeta' rikorrenti limitatament u dan billi tillikwida l-ammont dovut lis-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf , mija disgha u hamsin Ewro u tlett centezmi (€ 21,159.03) (li maghhom ghandu jizdied VAT jekk dan hu dovut fuq il-*premium*); u tilqa t-tieni talba limitatament u tikkundanna lill-intimati ihallsu lis-socjeta' rikorrenti is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf , mija disgha u hamsin Ewro u tlett centezmi (€ 21,159.03) bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar l-Erbgha 13 t'April 2016**

**Kawza Numru : 17**
**Rikors Numru : 1064/2009 JPG**

**K&M Limited (C 2861)**

**VS**

**Joseph Sant (I.D. Numru 608161(M)) u**
**Therese Piscopo (I.D. Numru 351274(M))**

**Il-Qorti :**

Rat l-att rikors guramentat is-socjeta' attrici K&M Limited (C2861) tramite id-direttur taghha Dr Malcolm Pace tat-2 ta' Novembru 2009,li jaqra hekk:

1. *"Illi fil-ftehim bejn il-partijiet tat-30 ta' Settembru 2005, (Dok. 'A'), Joseph Sant u Therese Piscopo inghataw id-dritt li joperaw u jmexxu permezz ta' dan il-Management Agreement, l-ispizerija maghrufa bhala Holy Cross Pharmacy, b'effett mit-2 ta' Ottubru 2005, u obbligaw ruhhom li jhallsu lis-socjeta' K&M Limited l-ammont ta' hdax–il elf sitt mija u hamsin ewro (ekwivalenti ta' hamest elef lira maltin) bhala korrispettiv u premium, (klawzola 4), minbarra l-management fee ta' kuljum mifthema bejn il-partijiet, (klawzola 3) u jirrifondu l-valur mifthema tal-istock (klawzola 5);*

2. *Illi inoltre Joseph Sant u Therese Piscopo obbligaw ruhhom li jzommu l-ispizerija msemmija miftuha ghall-pubbliku sitt ijiem fil-gimgha minbarra il-jum tal-Hadd skond ir-roster ufficjali u fin-nuqqas, li jhallsu lis-socjeta' attrici l-ammont mifthema ta' danni likwidati bil-quddiem (klawzoli 8 u 9);*

3. *Illi il-kontijiet tad-dawl, ilma, telefon, u licenzji kellhom jithallsu minn Joseph Sant u Therese Piscopo matul il-perijodu tal-ftehim fuq imsemmi (klawzola 17);*

4. *Illi Joseph Sant u Therese Piscopo obbligaw ruhhom li joperaw l-ispizerija msemmija b'mod professjonali u li jzommu kwantita' varjata u adegwata ta' stock fl-ispizerija l-hin kollu, (klawzola 19), u li ma jaghmlux hsara ghar-reputazzjoni u goodwill tal-ispizerija (klawzola 20);*

5. *Illi Joseph Sant u Therese Piscopo naqqsu li jhallsu lis-socjeta' attrici l-korrispettiv u l-premium mifthema bejn il-partijiet u t-taxxa relattiva malli hadu f'idejhom u bdew joperaw l-ispizerija, ma hallsux lis-socjeta' attrici l-management fees kollha dovuti, naqqsu li jirrifondu l-valur kollu ta' l-istock fi flus jew fi prodotti li jistghaw jinbieghaw mat-terminazzjoni tal-ftehim, naqqsu li joperaw l-ispizerija msemmija b'mod professjonali, naqqsu li jzommu stock varjat u adegwat il-hin kollu, naqqsu li jzommu l-ispizerija miftuha ghall-pubbliku fil-granet kollha u hinijiet u sieghat tax-xoghol skond il-ligi u l-konswetudni tal-pajjiz, minbarra li ma hallsux il-kontijiet tad-dawl, ilma, telefon u licenzji dovuti u b'hekk ippregudikaw u ghamlu hsara kbira ghar-reputazzjoni u goodwill tal-ispizerija msemmija;*

*Ghar-ragunijiet kollha premessi, jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-*

1. *Tillikwida l-ammont li hu dovut lis-socjeta' attrici mill-konvenut bhala korrispettiv u premium mifthiema bejn il-partijiet u t-taxxa relattiva, l-management fees dovuti u mhux imhallsa, il-valur mifthema ta' stock li l-konvenuti ma rrifondewx lis-socjeta' attrici mat-terminazzjoni tal-ftehim fuq imsemmi, l-ammont ta' kontijiet tad-dawl, ilma, telefon u licenzji dovuti mhux*

*imhallsa, l-ammont ta' danni kkagunati lis-socjeta' attrici mill-konvenuti ghar-reputazzjoni u goodwill tal-ispizerija imsemmija;*

2. *Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici l-ammont likwidat bl-imghaxijiet relattivi minn dak in-nhar meta kienu dovuti;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti minn issa biex jidhru in subizzjoni."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata Joseph Sant [KI 608161M] u Therese Piscopo [KI 351274M] tat-3 ta' Dicembru 2009 li taqra hekk :

1. *"Illi fl-ewwel lok il-premium mitlub mis-socjeta' rikorrenti thallas a saldu mill-inkwilini godda. Ghandu jkun rilevat illi ghal diversi okkazzjonijiet l-esponenti ressqu klijenti prospettivi biex jakkwistaw il-kirja tal-ispizerija de quo, is-socjeta rikorrenti ostakolathom b'kull mezz biex jaslu ghal ftehim ma' terzi;*

2. *Illi fit-tieni lok l-esponenti holqu goodwill ghal din l-ispizerija u dan stante illi meta hadu l-inkwilinat, l-ispizerija kienet fi stat hazin ta' manutenzjoni. Kwindi l-esponenti hallew l-ispizerija miftuha skond il-ftehim u kienet dejjem funzjonabbli tul iz-zmien li l-esponenti kienu qed jimmaniggjaw din l-ispizerija;*

3. *Illi fit-tielet lok, is-socjeta' attrici ghamlet kuntratt mal-inkwilinati prezenti ghal stock b'valur ta' €35,000 u dan minkejja li l-ftehim ta' bejn l-esponenti u s-socjeta' attrici kien jistipula valur ta' €29,117 bhala stock. Minkejja dan is-socjeta' attrici qed tippretendi li l-esponenti jhallsu d-differenza meta l-unika differenza fl-istock tammonta ghal €687 li l-esponenti offrew kemm il-darba li jhallsu;*

4. *Illi fir-raba' lok l-istock kien isir bl-istess mod li sar 3 snin ilu meta dak iz-zmien l-istock li l-esponenti xtraw minghand is-socjeta' attrici kellu parti minnu inaccettabli imma madanakollu is-socjeta' attrici baqghet tinsisti li dak l-istock kellu jkun accettat u llum dan l-istock li s-socjeta' attrici qed tghid li ma jistghax jinbiegh huwa l-istess illi hija insistiet li jaccettaw l-esponenti fil-bidu tal-operat tal-kuntratt taghhom. Il-kumplament tal-istock huwa stock mixtri mill-esponenti waqt l-operat taghhom;*

5. *Illi ma hemm l-ebda kontijiet ta' utilitajiet pendenti x'jithallsu mill-esponenti;*

6. *Illi l-ebda ammont m'hu dovut mill-esponenti lis-socjeta' attrici kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors;*

7. *Illi kwalsiasi likwidazzjoni ta' danni kif mitluba mis-socjeta' rikorrenti ma tistghax issir bl-opera ta' xi perit tekniku stante li ma saritx talba ad hoc mis-socjeta' rikorrenti li jitqabbad perit minn din l-Onorabbli Qorti;*

8. *Salv eccezzjonijet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti."*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-10 ta' Dicembru 2009 fejn innominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Michael Camilleri;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-16 ta'Marzu 2010 fejn irrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju u halliet il-kawza sine die (a fol. 52);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta li permezz tieghu il-kawza regghet giet appuntata (a fol. 58);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-19 t'Ottubru 2010 fejn innominat bhala Perit Legali lil Dr. Stefano Filletti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta attrici tat-22 ta' Settembru 2014 (a fol. 156 et seq);

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Stefano Filletti prezentata fit-30 t'Ottubru 2014 u mahlufa fil-21 ta' Jannar 2015 (a fol. 216 et seq);

Rat in-nota tas-socjeta' attrici tad-9 ta' Frar 2015 (a fol. 528 et seq) li permezz taghha issottomettiet d-domandi in eskussjoni lil-Perit Legali;

Rat ir-risposti tal-Perit Legali Dr. Stefano Filletti ghad-domandi in eskussjoni tat-2 ta' Marzu 2016 (a fol. 525 et seq);

Rat in-nota ta' kritika tas-socjeta' attrici tat-23 t'April 2015 (a fol. 534);

Rat in-nota t'osservazzjonijiet ta' Joseph Sant et (a fol. 550 et seq);

Rat in-nota t'osservazzjonijiet ta' Joseph Sant u Therese Piscopo tal-11 ta' Settembru 2015 (a fol. 555Aet seq);

Rat id-dokument ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**Dr Malcolm Pace** xehed fl-affidavit tieghu a fol. 45 et seq, illi huwa direttur tas-socjeta' attrici K&M Limited u li fit-30 ta' Settembru 2005 intlahaq ftehim permezz ta' skrittura fil-forma ta' *management agreement*, li biha l-konvenuti Joseph Sant u Therese Piscopo bdew joperaw l-ispizerija Holy Cross Pharmacy ta' Triq il-Kbira, Birkirkara.

Huwa qal illi sar *stock taking* u *hand over* mill-operaturi precedenti Munacra Limited lil Joseph Sant u lil Therese Piscopo. Xi granet qabel kien jidher li l-valur tal-istocks kienu ser ikunu anqas mill-ammont ta' tnax il-elf u hames mitt lira (Lm12,500). Ghalhekk u minhabba ksur iehor fl-obbligi taghhom, is Sur Vassallo ta' Munacra

Limited bhala kumpens xtara aktar *'stock'* ta' prodotti minghand Alfred Gera & Sons Limited. Il-valur ta' dawn il-prodotti godda, flimkien mal-valur tal-istocks li kien hemm fuq l-ixkafef tal-ispizerija ecceda sew l-ammont ta' tnax il-elf u hames mitt lira (Lm15,000), ekwivalenti ghal madwar €36,000. Il-*management agreement* kien mhux biss tal-ispizerija vojta izda tal-ispizerija flimkien mal-i*stocks*, li kellhom ikunu tal-valur ta' mhux inqas minn Lm12,500.

Dr Pace qal illi kien wissa lil Sant u lil Piscopo sabiex joqghodu attenti waqt l-*istock taking* halli jiehdu f'idejhom biss *"saleable stocks"*. Huwa qal illi l-konvenuti ma tawx kasu u meta ghaddew xi kumment zghir dwar xi ftit mill-istock ta' valur negligibbli, kien biss hafna xhur wara u kien tard wisq - il-konvenuti kienu effettivament diga' accettaw l-istocks minghand l-operaturi precedenti u kien imisshom tkellmu dak in-nhar stess.

Dr Malcolm Pace xehed illi ghalkemm il-konvenuti kellhom ihallsu lis-socjeta' attrici premium ta' hamest elef lira, minbarra l-VAT ta' 18% *'on the take over date'*, dan ma sarx ghaliex fuq talba tal-konvenuti, il-partijiet ftehmu li jinghataw aktar zmien biex ihallsu l-*premium* dovut bl-imghax ta' 8%, billi riedu jixtru aktar *stock* u jaghmlu xi spejjez biex jimmilljoraw il-hanut. Huwa qal illi kull darba li fakkarhom biex ihallsu l-flus, il-konvenuti talbu aktar zmien u dan l-ammont ghad iridu jhallsuh.

Huwa kompla xehed illi meta l-konvenuti bdew jaqaw lura fil-hlas tal-'*management fees*', u kien jidher li ma kienux sejrin tajjeb fil-bejgh u li kienu tilfu l-interess. Huwa beda jircievi hafna ilmenti mill-girien u klijenti tal-ispizerija li l-affarijiet kienu sejrin hazin ghaliex hafna prodotti kienu kontinwament 'out of stock', sahansitra anki dawk bazici bhal 'panadols', 'antibiotics' u prodotti ohra. Dr Pace ddikjara illi b'hekk huma naqqsu mill-obbligi taghhom senjatament dawk stabbiliti fil-klawzola numru dsatax (19), b'tali mod u manjiera li kkagunaw danni sostanzjali lis-socjeta' attrici bit-telfien ta' hafna mill-klijentela' tal-ispizerija u tal-goodwill tal-hanut. Huwa kompla qal illi tant hu hekk li minkejja r-refurbishment li sar, eventwalment kien difficli hafna biex jinstabu operaturi godda ghall-ispizerija minhabba l-isem hazin li hadet bl-agir tal-konvenuti.

Dr Malcolm Pace xehed illi s-socjeta' attrici tat lill-konvenuti, ghal zmien limitat ta' erba xhur, l-possibilita' li jsibu huma stess terzi persuni biex joperaw l-ispizerija minflokhom bl-istess kundizzjonijiet. L-ghan ta' dan kien illi jekk jigi ffirmat ftehim gdid ma' operaturi godda sa mhux aktar tard mill-hmistax (15) ta' Awissu 2008, il-konvenuti ma jkunux obbligati jhallsu l-premium ta' Lm5,000. Ghal dan il-ghan, fost affarijiet ohra, sar il-ftehim tat- 18 ta' April 2008 bejn il-partijiet. Pace qal illi ghalkemm il-konvenuti ressqu xi zewg persuni interessati, dawn riedu jhallsu ferm anqas mill-*management fee* applikabbli minghajr ma jhallsu il-*'premium'* u b'hekk dan ma kienx accetabbli ghas-socjeta' attrici.

Dr Malcolm Pace qal illi tant il-konvenuti riedu jtemmu l-operazzjoni taghhom tal-ispizerija kemm jista jkun malajr illi, minghajr ma stennew sakemm jghaddi l-perjodu kollu tan-*'notice'* ta' sena, huma accettaw ukoll u ntrabtu bil-miktub hekk skond il-klawzolu numru 18 tal-ftehim tat-30 ta' Settembru 2005, li jhallu fl-ispizerija u jghaddu lis-socjeta' attrici ghal beneficcju tal-operaturi l-godda l-oggetti li gejjin: is-CCTV cameras u taghmir li kienu nstallaw, minbarra l-kompjuter u programm ta' software tal-bejgh u l-istocks u t-television fil-waiting room barra l-klinik - il-valur ta' dawn l-affarijiet jammontaw ghal aktar minn €4500. Pace zied qal illi meta telqu mill-ispizerija, l-konvenuti ma zammewx il-kelma taghhom u sahansitra hadu dawn l-affarijiet maghhom. Dan l-ammont huwa wkoll dovut lis-socjeta' attrici mill-konvenuti.

Dr Pace xehed illi is-socjeta' attrici ftehemet mal-operaturi l-godda li meta jiehdu f'idejhom l-ispizerija u jsir il-*hand over* mill-konvenuti, ghandu jkun hemm mhux anqas minn €35,000 ta' *saleable stock* bil-valur tal-prezzijiet li jinbieghu lill-konsumatur. Dr Pace ddikjara illi meta nhadem il-valur tal-istock, wara l-*istock taking* u *hand-over* li sar mill-konvenuti lill-operaturi l-godda, rrizulta li kien hemm nuqqas fil-valur tal-*istocks* ta' €6863.07 mill-valur tal-istock li kellu jghaddi mat-terminazzjoni tal-ftehim mill-konvenuti lill-operaturi l-godda. Dr Pace xehed illi dan l-ammont ghadu dovut mill-konvenut peress illi jirrizulta li s-socjeta' attrici kellha tikkumpensa lill-operaturi bl-ekwivalenti fi flus kontanti.

Ix-xhud sahaq illi l-valur tal-istock, li ghadda mill-konvenuti lill-operaturi l-godda u li jinkludu s-segwenti, u cjoe: prodotti bid-dati skaduti jew ‘expired’, prodotti li kienu anki ‘obsolete’, ‘shop spoiled’, ‘over-priced’, prodotti anki b’ ‘contents unusable’, ‘low factor sunblock’, ‘discontinued by manufacturers’, ‘no instructions in English’, u anki ‘stock’ antik li m’ ghadux jinbiegh fi hwienet ohra u li ghalih ma hemmx aktar domanda, ‘stock with faded containers or packaging’ jew danneggjati u li ma jistawx jinbieghu, u anke prodotti ‘unsaleable’ skond il-klawzola numru hamsa (5) tal-ftehim tat-30 ta’ Settembru 2005, jammonta ghal €6952.24. L-operaturi l-godda u s-socjeta’ attrici mill-ewwel irrifjutaw l-*unsaleable stock* izda l-konvenuti ma tawx kaz. Dr Pace xehed illi dan l-ammont ukoll huwa dovut mill-konvenut lis-socjeta’ attrici li ukoll sadanittant kellha tikkumpensa lill-operaturi l-godda bi flus kontanti.

Dr Pace jghid illi skond il-klawzola numru 8 tal-ftehim tat-30 ta’ Settembru 2005, il-konvenuti ntrabbtu illi jifthu l-farmacija sitt ijiem fil-gimgha u jifthu l-Hadd skond ir-roster ufficjali filwaqt illi skond klawzola numru 9, il-konvenuti intrabtu wkoll “to pay the owner by way of pre-liquidated damages the amount of one hundred Maltese Liri (Lm100) per day in the event the pharmacy is kept closed or without a Managing Partner for any reason whatsoever.”

Dr Pace kompla qal illi gara li l-konvenuti wara xi zmien li bdew joperaw l-ispizerija bdew ihallu l-ispizerija maghluqa ghal xi sieghat matul il-gurnata, igifiri jew in- nofs ta’ nhar ta’ filghodu jew ta’ filghaxija, u cioe’ f’hinijiet meta normalment spizeriji ohra jkunu miftuhin ghall-pubbliku, jew anke sahansitra l-jum kollu. Dr Pace xehed illi hafna drabi l-ispizerija kienet tinfetah mill-konvenuti fis-sitta ta’ wara nofs in-nhar (18.00) minflok fl-erbgha (16.00) jew ma tinfetah xejn. Huwa zied qal illi wiehed mill-konvenuti, li ma kienx spizjar, kien ikun prezenti bl-ispizerija miftuha ghall-pubbliku minghajr spizjar – minkejja li huwa qal illi wissa lill-konvenuti f’dan is-sens, huma xorta wahda baqaw jaghmlu hekk.

Dr Pace xehed illi d-danni prelikwidati ta’ Lm100 ghal kull jum li l-ispizerija nzammet maghluqa ghal kwalsiasi raguni jew minghajr spizjar ghat-tul tal-perjodu tal-ftehim, jammontaw ghal mill-anqas 138 jum ghal €32,154. Huwa zied qal illi l-ammont ta’ granet li l-ispizerija inzammet maghluqa mill-konvenuti ghal kwalsiasi

raguni jew minghajr spizjar kien ferm aktar, tant li fl-ahhar sena u nofs biss dan kien isehh kwazi kuljum u li dan l-ammont huwa wkoll dovut lis-socjeta' attrici mill-konvenuti. Dr Pace xehed illi dan jirrizulta wkoll b'mod inekwivoku mill-Cash Register u mill-kompjuter li kienu juzaw il-konvenuti ghall-bejgh li kienu jaghmlu kuljum u li kien jimmarka d-data u l-hin.

Ix-xhud qal illi li kieku l-konvenuti onoraw l-obbligi taghhom skond il-ftehim tat- 30 ta' Settembru 2005 u li kieku ma ghamlitx dik il-hsara kollha, s-socjeta' attrici kienet takkwista *'premium'* ferm ghola. Konsegwentament, l-operaturi l-godda spiccaw hallsu nofs l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici.

Dr Pace zied jghid illi l-konvenuti ma kienux qed izommu *'proper records'* tal-bejgh taghhom tant li rrifjutaw jew kienu jisthu juru dokumenti bl-ammont ta' bejgh li kellhom lill-operaturi godda prospettivi, bl-iskuza li dan kien kunfidenzjali u konsegwentament dan gerrex hafna minn operaturi potenzjali.

Wara li l-operaturi l-godda bdew joperaw l-ispizerija rrizulta li meta sar il-handover mill-konvenuti kien hemm inkluz valur ta' *stock* tal-marka Remington li ma kienx imhallas mill-konvenuti izda kien *'on consignment'*, liema valur jammonta ghal €513.79. Dan l-ammont huwa wkoll dovut mill-konvenuti lis-socjeta attrici li kellha tikkumpensa lill-operaturi l-godda bl-ekwivalenti fi flus kontanti.

Dr Pace xehed ukoll illi l-konvenuti naqqsu milli jhallsu il-kontijiet ta' kiri tal-*meters* u tal-konsum tad-dawl u ilma u dan bi ksur ta' klawzola numru 17 tal-kuntratt tat-30 ta' Settembru 2005, fejn dawn baqaw ma thallsux u li b'hekk issa jammontaw ghal €504.75/ Dan l-ammont huwa wkoll dovut lis-socjeta' attrici li hekk kif xehed Dr Pace, kellha tikkumpensa lill-operaturi l-godda meta dawn gew kostretti jhallsu dawn il-kontijiet biex jevitaw sospensjoni fis-servizz. Dr Pace qal ukoll illi l-istess gara bil-kont tat-telefon fuq in-numru 21448454 li baqa' ma thallasx mill-konvenuti u li jammonta ghal €65.54 u liema ammont huwa wkoll dovut mill-konvenuti lis-socjeta' attrici.

Dr Pace kkonkluda billi qal illi l-konvenuti lanqas ma hallsu l-licenzji kollha dovuti ghall-ispizerija u li dawn huma konsegwentament wkoll dovuti lis-socjeta' attrici. Qal illi l-konvenuti la baghtu l-formuli skond il-ligi lid-Dipartiment tal-Istatistika dwar l-ispejjez u bejgh taghhom fl-ispizerija, u lanqas ma aderixxu mar-rekwiziti tal-ligi dwar id-Data Protection Act u ghalhekk issa jridu jhallsu l-penaltajiet u multi li gew imposti mill-awtoritajiet kompetenti ghal dawn in-nuqqasijiet.
Huwa esebixxa s-segwenti:

1. Affidavit ta' Carmel Scicluna mmarkat 'MPP1';
2. Sett ta' 18-il ritratt mmarkat 'Dok MPP2' sa 'MPP19' li huma ritratti ta' selezzjoni ta' damaged stock u unsaleable goods illi l-konvenuti ghaddew lill-operaturi l-godda mall-handover;
3. Stock list tal-istock kollha li ghaddha lill-operatur il-gdid tal-familja ossia Carmel Scicluna mmarkat Dok 'MPP20';
4. Lista tad-damaged goods kollha mmarkat Dok 'MPP21';
5. Sample ta' xi oggetti difettuzi li huma msemmija f'Dok 'MPP21' u cjoe';
    a. Stea, sterilizer li huwa miksur;
    b. Himalaya Herbal Deep Cleansing Lotion li hu mqabar, *shop spoiled*, u *expired*;
    c. Himalaya anti-dandruff hair cream li hu expired;
    d. 2x sun lotion No.6 li huma skaduti;
    e. Payot Crème Douche night li hu mqabar u skadut;
    f. Par zraben imqabrin ghall-ahhar;
    g. Baby sun UV30 "U vistat li hu *shop spoiled* u skadut";
    h. 2x Bonacure cream li huma miksurin u mqabrin, u li huma skaduti;
    i. La cote fluido mani Guam li hu *shop spoiled* u skadut;

j. Trattamento Intensivo per capelli uomo + donna "Keratin Crinex, skadut u *shop spoiled*";

k. Dermatorie serum per la bellezza del seno "Dibidem" li hu *damaged*, *shop spoiled*, u skadut;

l. Fridge / Distillizer lock li hu *shop spoiled* u mqabar;

m. Blood pressure wrist monitor tad-ditta "Clt Medical" li huwa *damaged* u mqabar;

n. Support tights tad-ditta "Boots" li hu mqabar;

o. "Feet shock absorbers" li huma mqabrin;

p. Mascara u Fixative eyebrow li huma mqabrin u skaduti;

q. Tongue Cleaner tad-ditta "Fresh Breath" li hu mqabar;

Huwa xehed illi fid-data li gew kkonsinjati lura, kien hemm numru ta' prodotti li kienu jew skaduti jew bl-*expiry sate* / *shelf life* ta' inqas minn tlett xhur, u kwindi dawn ma setawx jinbieghu minhabba li l-konsumaturi ma jridux prodotti b'*shelf life* daqshekk qasira, specjalment meta l-uzu ta' dawn il-medicini tkun fuq medda ta' xhur jew sena. Xehed illi kien hemm xi prodotti illi saru *unsaleable* minhabba direttiva tal-Unjoni Ewropea fejn jinghad illi jekk sa certu zmien ma jkunx hemm *expiry date* u id-dikjarazzjoni dwar l-ingredjenti li gew uzati fil-formola ma jigux indikati fuq il-prodott, dan il-prodott ma jistax jinbiegh lill-pubbliku. Huwa ddikjara illi kien hemm prodotti ohra *shop spoiled* u/jew bir-*wrappers* fi stat hazin hafna jew imqattajn – il-konsumatur jirrifjuta jixtri tali prodotti. In kontro-ezami, ix-xhud kkonferma li dawn l-oggetti kienu ghaddew lill-inkwilin il-gdid izda dan ma' accettahomx. Dr Pace xehed illi Carlo Scicluna kien oggezzjona u rrefjuta l-prodotti imsemmijin hawn fuq.

**Joseph Sant** xehed illi hu u l-partner tieghu Therese Piscopo kienu jiggestixxu l-farmacija bl-isem Holy Cross u dan bi ftehim ma' Dr Malcolm Pace jew mal-kumpanija tieghu. Xehed illi bhala impjegati kellu lil Mark Spiteri, Romilda Zarb u Claire Spiteri Staines u dawn bhala spizjara *part-time.* Ir-roster kien ikun hekk: is-Sibt kien ikun hemm Romilda, mit-Tnejn sal-Gimgha kien ikun hemm Claire Spiteri

Staines li kienet il-manager pharmacist, filwaqt li filghaxija kien dejjem ikun hemm Mark Spiteri.

Meta muri Dok FJV1 huwa kkonferma illi l-istock kien ghadu f'kaxxi ssigilati fil-farmacija Xehed illi l-ixkafef kienu prattikament vojta, l-ispizerija mitluqa u mahmuga. KKonferma illi l-*istock take* kien sar ma' Philip Degabriele, li kien sar *handwritten,* u li tnizzlu prezzijiet u mhux deskrizzjonijiet tal-oggetti. Xehed ukoll illi dakinhar kienu gibdu l-attenzjoni lil Dr Malcolm Pace illi apparti l-istock issigillat fil-kaxxi mixtrija minn Alfred Gera & Sons, l-istock kollu rimanenti kien jew antik jew obsolete jew b'timbri ta' spizeriji differenti. Xehed illi Dr Malcolm Pace qallhom illi dak misshom rawh qabel. Huwa kkonferma li Dr Malcolm Pace ma kienx prezenti fl-*istock take*. Ix-xhud qal illi wara li ffirmaw il-kuntratt tal- kera u gew biex jiehdu l-pussess tal-farmacija u tal-kontenut, kien hemm hafna kwistjonijiet mal-operaturi precedenti ghaliex aktar minn nofs l-*istock* kien *unsaleable.* Huwa ddikjara illi l-*istock take* sar is-Sibt, u t-Tnejn ta' wara marru l-ufficju ta' Dr Pace fejn spjegawlu illi l-*istock* kien *unsaleable* ghaliex kien *shop spoiled,* gej minn spizerijji ohra u skadut. Sant sahaq illi Dr Pace qallu li l-*istock take* sar ghalhekk u kien messhom rrifjutawh dak il-hin u li issa huwa tard wisq. Konsegwentament huwa isugerixxa li dan l-istock jbieghuh bi prezz baxx biex jinbiegh u li l-istock hazin kellhom izommuh u jhalluh lil ta' warajhom.

Huwa ghamel referenza ghas-seduta numru 1 li fiha s-socjeta' attrici esebiet 18 –il ritratt immarkati bhala Dok. MPP2 sa Dok. MPP19 li huma ritratti ta' selezzjoni ta' *damaged goods* u *unsaleable goods* illi l-konvenut ghadda lill-operatur il-gdid mal-*handover*. Dwar dan huwa xehed illi l-maggor parti tieghu huwa *stock* li kien ha minghand Dr Pace meta dan irrifjuta akkost ta' kollox illi dan kien *unsaleable*. Huwa qal ukoll illi dak l-*istock* li semma Dr Pace li jammonta ghal-valur ta €35,000 huwa l-ftehim il-gdid li K&M Ltd kellha mal-operatur il-gdid, u skont il-kuntratt illi kellu huwa ma K&M, il-valur tal-istock li ha kien ta' Lm 12,500 jew €29,000.

Dwar l-*istock lists* kollha mghoddija lill-operatur il-gdid, ossia Carmel Scicluna u mmarkat bhala Dok. MP20, Sant xehed illi meta ghamlu l-*handover* mal-operatur il-

gdid, huwa seta' f'kull hin jirrifjuta l-istock u li fil-fatt kien hemm xi oggezzjonjiet, pero' il-bqija tal-istock gie accettat.

Ix-xhud ghamel referenza ghal-lista ta' damaged goods immarkata bhala Dok. MPP21, kif ukoll ghas-*samples* esebiti u jikkonferma illi dawn huma *damaged*, *shopspoiled* jew *expired*. Izid jemfasizza illi l-*istock take* sar minghajr ebda oggezzjoni u ukoll illi ma kien hemm ebda oggett *expired.* Huwa zied jghid illi qatt ma gie avvicinat b'xi lment dwar l-*istock.*

Xehed ukoll illi l-pagamenti tal- farmacija, cjoe dawk bhala *management fees*, kienu jsiru permezz ta' cekk. Huwa xehed illi huwa hallas il-*management fees* kollha u li kienu mhallsa l-iktar permezz ta' cekkijiet u li kien hemm xi pagamenti *cash* wkoll. Hu jsostni illi m'huwiex minnu li kien hemm xi *management fees* dovuti. Hu xehed illi qatt ma ra jew rcieva l-*invoices* tal-*management fees* hekk kif esebiti a fol 91 sa 99. Huwa esebixxa *shadow copy* tac-cekkijiet mahruga f'isem K&M Ltd, qieghdin fl-istess ordni tal-invoices mmarkati HC4 sa HC12 u li gew mmarkati bhala Doks. JSA1 sa JSA8. Huwa qal illi Doks. JSA1 sa JSA8 ghandhom il-valur korrett, u mhux l-invoices mmarkati HC4 sa HC12. Huwa pprezenta prospett tac-cekkijiet esebiti bid-data wkoll ta' meta ssarfu u li gie mmarkat Dok. JS9. Huwa xehed illi d-data ta' Dok. JS9 jikkorrispondi mad-dati ta' Dok. HC1.

Huwa qal illi wara li ghamel certu verifiki jirrizulta illi c-*chequebook* li nzammu mal-farmacista m'ghandux il-mamma mimlija filwaqt li kkonferma mal-*partner* tieghu li certu pagamenti saru cash u ma hemmx *record* taghhom. Dan ic-*chequebook* kien intestat f'ismu u f'isem Therese Piscopo u mahrug minn HSBC Malta plc.

Xehed illi filwaqt li l-maggoranza tal-bejgh kien isir bil-*cash register*, peress li d-dawl kien jinqata' ta' spiss kienu juzaw ukoll *manual receipts*.

Xehed illi l-ispizerija kienet tinfetah mid-9.00 sa 12.00 u mill-16.00 sas-19.00 jew it-20.00. Huwa qal illi m'huwiex minnu li l-farmacija kienet tinfetah fil-17.00 jew 18.00 ta' wara nofsinhar. Kompla qal illi kien sar test ghal-ftit zmien sabiex jifthu bejn il-17.00 u id-21.00 minhabba t-tobba. Xehed illi dan kien sar bi qbil ma' Dr Malcolm

Pace u li wara kienu rritornaw ghal-hinijiet normali. Meta mistoqsi dwar l-gharfien tieghu dwar il-*legal notice*, huwa qal illi huma kienu jahdmu bhal spizeriji ohra. Xehed ukoll illi huma kienu installaw *airconditioning*, *geyser* u installazzjoni ta' ilma (flimkien ma' apparat iehor) - dawna kollha a spejjez taghhom u kollha thallew hemm.

Sant kompla xehed illi meta hadu l-ispizerija, din kienet fi stat dizastruz u konsegwentament huma ghamlu *toilet* gdid, zewg *clinics* godda bil-*couches* godda, bidlu l-art, dawl u ilma, ghamlu vetrini godda u *airconditioner*, installaw *CCTV cameras* u *fridges* u li dawn kollha gew rritornati lis-sid fi stat tajjeb u funzjonabbli. Ix-xhud qal ukoll illi bdew igibu xi tobba bhal Dr Theuma, il-*physiotherapist* Martin Ellul, u l- ENT specialist Mr Borg.

L-konvenut gie mitlub jesebixxi xi dokumenti u dwar dawn huwa xehed illi m'ghandux is-segwenti: l-ismijiet u l-indirizzi tal-ispizjara mpjegati minnu, l-indirizzi ta' Jeanette Pace, Patricia Micallef, Ena Mifsud and Therese Visanic, dettalji dwar cekkijiet mahruga ghall-hlas ta' *management fees* u *premiums,* rcevuti tal-istock "Remington" fl-ammont ta' €513.79, *payslips* tal-impjegati, *sales records* u *purchase invoices* tal-farmacija.

**Carmel Scicluna,** bl-affidavit tieghu datat 24 ta' Novembru 2010, xehed illi skond il- "*Management Contract* li ghamel mal-kumpanija K&M Ltd irrapprezentata minn Dr Malcolm Pace, huwa ha t-tmexxija tal-ispizerija "Holy Cross Pharmacy" ta' 37/8, Triq il-Kbira, B'Kara fit-18 ta' Mejju 2009. Huwa qal illi skond dan il-ftehim, K&M Ltd kellha tipprovdi stocks tal-ispizerija ekwivalenti ghal €35,000, fid-data tal-bidu tal-kuntratt. B'hekk ix-xhud qal illi kellu jsir *stock take* sabiex jigi kkonfermat dan l-ammont ta' *stock* li ha f'idejh hu.

Ix-xhud qal illi dan l-*istock take* sar nhar is-Sibt 16 ta' Mejju, 2009, u li prezenti ghal dan l-ezercizzju kien hemm hu u l-familjari tieghu, l-operaturi precedenti tal-ispizerija cjoe, is-Sur Joe Sant u Therese Piscopo u xi familjari. Huwa qal illi rapprezentanti ta' K&M ma kienux prezenti.

Huwa xehed illi waqt l-*istock take* deher mill-ewwel illi parti sostanzjali mill-oggetti fl-*istock* li kien ser jigi mghoddi lilhom bhala parti mill-ammont maqbul fil-kuntratt, kienu qodma, skaduti, *'shop spoiled'*, bir-*wrappers* imqattajn, fliexken vojta u stock mhux f'kundizzjoni li jistghu jinbieghu u f'xi kazi mhux kompatibbli mal-generu ta' *stock* ta' spizerija. Huwa minnufih gibed l-attenzjoni tal-operaturi precedenti fuq dan il-fatt, izda huma qalulu illi ghandu jghid lil K&M Ltd u mhux lilhom. Huwa xehed illi kien jidher car illi kieku kompla jinsista maghhom kienu ser jieqfu f'nofs l-ezercizzju tal-*istock take* u ma kienx ikun f'posizzjoni li jiehu *"over"* l-ispizerija mit-Tnejn, 18 ta' Mejju, 2009.

Waqt l-*istock take*, induna wkoll illi r-*refrigerator* li normalment kienet tkun fid-*dispensary* halli jinzammu l-medicini f'temperatura baxxa, kif wkoll sett tat-*television,* li kienu wrewh Sant u Piscopo meta kien mar jara l-ispizerija, kienu nieqsa. Meta mbaghad kellem lil Sant dwar dan, huwa qallu illi dawn l-affarijiet kienu tieghu u li b'hekk ma kienx lest illi jhallihom fl-ispizerijja u zied jinformah illi kien ser jiehu l-*computer* u li xtaq jiehu wkoll is-*security cameras*. Huwa ha il-*computer* ftit jiem wara izda s-*security cameras* ma hadhomx. Scicluna ddikjara illi rrizulta illi dawn il-*cameras* ma kienux jahdmu u li xorta wahda kellu jixtri sistema gdida.

Scicluna qal illi fl-ahhar tal-*istock take* rrizulta li t-total ta' *stock* li kien hemm fl-ispizerija (inkluz dak skadut, *shopspoiled*, hazin, u li ma setghax jinbiegh u li ghaddewlu Sant u Piscopo), kien jammonta biss ghal €28,136.93.

Scicluna xehed illi meta fethu l-ispizerijja, huma saru jafu minghand xi klijenti u anke *suppliers* illi l-ispizerija ghamlet zmien twil fejn mhux dejjem kienet tiftah, specjalment filghodu, tant illi xi *suppliers* lanqas biss kienu ghadhom jghaddu l-ispizerija sabiex joffru l-prodotti taghhom. Xehed illi minhabba *stock* nieqes, hafna klijentela kienu intilfu u li di fatti fl-ewwel ftit granet il-bejgh rarament kien jaqbez il-mitejn Ewro kuljum. Wara saru jafu wkoll illi xi ftit oggetti (partikolarment tad-ditta Remington), ghalkemm kienu ttiehdu fl-*istock* ma kienux proprjeta' tal-ispizerija ghax kienu fornuti bhala *"on consignment"*. Scicluna xehed illi dakinhar stess, huwa mar ghand Dr Pace u qallu b'dak kollu li kien gara u li sab. Dr Pace qal lil Scicluna sabiex jippreparalu lista tal-affarijiet li fl-opinjoni ta' Scicluna ma kienux sodisfacenti u xi

kampjuni. Dwar in-nuqqas ta' stock kien qallu sabiex temporanjament ma jhallsux il-hamsin fil-mija tal-*premium* li kien ghad fadallu jaghtih sakemm Sant jaghmel tajjeb ghax-*shortage* fl-*istock*. Huwa ghamel din il-lista u din ammontat ghal €7,504.62 – huwa xehed illi skond ir-regoli li jirregolaw it-tmexxija ta' spizeriji, huwa ma setghax jesebixxi ghal-bejgh oggetti li huma skaduti, qodma jew b'pakketti jew kontenituri mqattghin jew *faded*. Sussegwentament iltaqa' ma' Sant u Piscopo sabiex forsi jaslu fuq il-mod li kellhom jirrifondu ghas-*shortage* ta' *stock* u ghal dak l-istock li ma kienx accettabbli. Sant kien ippropona lil Scicluna sabiex jixtri xi prodotti minghand xi agenti ta' prodotti kosmetici li jindikalu hu u li jammontaw ghal valur ta' €500 fix-xahar u li mbaghad kien jiehu hsieb ihallas hu ghalihom. Ix-xhud qal illi dan l-arrangament ma kienx accettabli ghalih peress illi l-ewwel nett huwa kien diga forna l-ispizerija bl-*istock* kollu u peress ukoll illi ma setghax jistenna iktar minn sena biex jithallas ghax-*shortage*. Meta dan qalu lil Sant, Sant qallu li huwa ma setghax ihallas b'mod iehor u issugerilu allura jkellem lil Dr Pace. Scicluna jsemmi illi kien gibed l-attenzjoni lil Sant dwar xi kontijiet pendenti tat-telefon, dawl, ilma, internet u television u Sant qallu sabiex jghaddilu dawn il-kontijiet sabiex ihallashom hu. Il-kontijiet tat-telefon, internet u television eventwalment gew mhallsa mis-sur Sant, izda sa fejn jaf hu l-kont tad-dawl u ilma li jammonta ghal €504.75 ghadu ma thallasx. Scicluna qal ukoll illi kien hemm xi kontijiet ohrajn pendenti ma' xi *suppliers* ohrajn li kien qed jircievihom hu u li ghal bidu kien qed ikollu xi problemi ma' dawn is-suppliers bhal, per ezempju, VJ Salomone, Miller u Professional Health and Beauty, ghaliex ma ridux ikomplu jfornuh qabel ma jithallsu ghal dawn il-kontijiet. Huwa zied qal illi kien baghat kopja ta' dawn il-kontijiet lil Sant.

Kompla xehed illi l-istock *"on consignment"* tar-Remington kien jammonta ghal €513.79, u s-supplier qallu li jekk ma jithallasx tieghu, huwa kien ser jiehu l-*istock* lura – ghalhekk, fil-kaz li jigri dan, is-*shortage* tal-*istock* ser jikber b'dan l-ammont.
Scicluna xehed illi meta Sant wasal jissugerixxilu sabiex ihassar l-*expiry dates* halli jkun jista' jbiegh l-istock, huwa rrealizza li m'ghandu ebda triq ohra ghajr li jzomm il-pagamenti tal-kera dovuti lil K&M Ltd sakemm din l-istorja ssolvi ruhha. Huwa kkonferma illi sal-24 ta' Novembru 2010, huwa kien zamm pagament ta' hamsin fil-mija (50%) jigifieri sebat elef u hames mitt Ewro (€7,500) liema kienu dovuti bhala

*premium* lil K&M Ltd, kif ukoll zewg pagamenti ta' tlett (3) xhur il-wiehed, jigifieri sebat elef, hames mija u seba u tletin euro (€7,537) dovuti bhala kera.

**Philip Degabriele** mpjegat ma' Munacra Ltd, liema kumpanija kienet tiggestixxi l-farmacija Holy Cross flimkien ma' xi erba' farmaciji ohrajn. Huwa xehed illi dan kien fis-snin 2004/2005. Huwa kkonferma illi meta ttermina l-lokazzjoni kien sar *stock-taking* tal-ispizerija - kollox sar bil-miktub u finalment anki saret *valuation* u xi fotokopji. Dawn gew iffirmati minnu u minn Joseph Sant. Huwa qal illi jaf li kien hemm xi oggetti li kienu jew skaduti jew *shop spoiled*, izda pero, huwa qal illi ma jafx jekk tali prodotti kienux inkluzi jew eskluzi mill-lista tal-*istock take*. Huwa kkonferma illi kien l-inkwilin antecedenti ghall-konvenut - igifieri mat-terminazzjoni tal-kirja huma ghaddew l-pussess lill-konvenut. Huwa qal illi ma jafx jekk wara li sar l- *istock take* u wara li identifikaw l-oggetti skaduti u/jew *shop spoiled*, il-konvenuti qajjmux xi ilmenti ohrajn. Huwa xehed illi kien sar inventarju peress illi huma kienu obbligati jhallu l-istess valur ta' *stock* bhal dak li sabu meta hadu l-kirja – hawn kien qieghed jitkellem dwar *saleable stock.* Wara l-*valuation* kienu ndunaw illi l-valur tal-istock kien inqas mill-valur tal-*istock* originali fl-ammont ta' Lm4800. Huwa qal illi konsegwentament, huma kienu xtraw *stock* gdid sabiex jaghmlu tajjeb ghad-differenza. Dawn inxtraw minn Alfred Gera & Sons u kienu fil-bicca l-kbira medicina.

**Francis J. Vassallo**, direttur ta' Munacra Ltd, xehed illi huma kienu krew l-proprjeta' Holy Cross Pharmacy u St. Matthew's Pharmacy minghand il-kumpanija ta' Dr Malcolm Pace. Huwa qal illi meta tterminat il-lokazzjoni huma kienu taw *handover* lill-kumpanija ohra. Vassallo kkonferma illi fil-kuntratt kienu obbligaw rwiehhom li mat-terminazzjoni huma kellhom ihallsu l-istess ammont bhala valur tal-*istock* tal-farmaciji bhal dak li sabu fil-mument li dahlu fil-kirja. Ghalhekk mal-mument tat-terminazzjoni ghamlu *stock take* taz-zewg farmaciji u sabu li kellhom in-nieqes. Kkonferma wkoll illi minflok ma hallsu d-differenza huma kienu xtraw stock minn Alfred Gera & Sons sabiex jaghmlu tajjeb ghal dan in-nuqqas. Huwa qal illi ghalkemm bhala fondijiet kienu fl-lokalitajiet differenti, l-gestjoni taghhom kienet unitarja. Huwa esebixxa kopja tal-invoice tal-istock li nxtara ghal dan il-ghan u mmarkaha bhala Dok 'FJV1'. Qal ukoll illi huma kienu hallsu lil Alfred Gera & Sons

Ltd direttament. Xehed illi l-ammont tal-akkwist kien dak ta' €11,255.47 u kkonferma illi l-persuna responsabbli ghal-kumpanija tieghu ghal dan l-istock kien l-*accountant* tal-kumpanija, Philip Degabriele. Kkonferma wkoll illi dan l-*istock take* kien sar flimkien mal-konvenuta. Fir-rigward ta' St Matthew's Pharmacy, dan kien sar ma Daniel Falzon li huwa mpjegat ta' Daniel Grech.

**Claire Spiteri Staines** xehedet illi hija kienet impjegata ta' Holy Cross bejn Novembru 2006 sal-ahhar ta' Frar 2007. Hija kienet managing pharmacist fuq bazi part-time u li kien il-konvenut li kien impjegaha. Hija kienet tahdem 4 sieghat filghodu ghal 4 darbiet fil-gimgha u b'hekk jidhrilha li kienet tahdem bejn 08.30 u 12.30. Kkonfermat illi filghaxijiet kien ikun hemm certu Mark Spiteri. Xehedet ukoll illi d-darba li ma kienitx tidhol hi, kienet tidhol spizjara ohra bl-isem Ina u li kienet tithallas b'Lm4 is-siegha.

**Charlotte Grech Ellul** esebixxit kopja ta' nota pprezentata in atti dwar komunikazzjoni bejnha u bejn ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici u mmarkata Dok 'CGE'. Hija kkonfermat illi hi s-sid ta' Holy Cross Pharmacy u li tircievi l-kera ghaliha. Xehedet illi hija kienet imgghiela tiffirma affidavit. Kkonfermat illi meta qamet il-kwistjoni dwar l-affidavit hija kienet qalet lil Dr Malcolm Pace sabiex ikellem lill-avukat taghha li huwa Dr John Seychell. Hija kkonfermat illi kienet saret laqgha d-dar taghha fil-presenza tal-avukat u li dakinhar inghataw kopja tal-abboz tal-affidavit u li ma tiftakarx l-ezitu tal-inkontru. Hija xehedet illi ma tiftakar xejn dwar ilmenti mressqin lir-rapprezentat tas-socjeta' attrici in konnessjoni mal-operat tal-ispizerija u li qatt ma kien hemm xi girien li kellmuha dwar il-farmacija. Tikkonferma illi kulhadd kien jaf ta' min hi il-farmacija u li kienet ilha f'idejn missierha mis-sena 1959, fejn mbaghad kienu wellewha.

Meta prodotta mill-konvenut, Charlotte Grech Ellul xehedet illi l-kirja ta' Holy Cross Pharmacy hija favur Cross Pharmaceuticals Ltd. u li tali kera tithallas kull 3 xhur bil-quddiem. Il-proprjeta' inkriet fis-sena 1976 u konsegwentament anki fis-sena 1998 ma' din l-istess kumpanija. **Dwar l-affidavit Charlotte Grech Ellul tikkonferma illi Dr Pace kien qalilha li minghajr dan l-affidavit hu ma kienx ser ihallas il-kera tal-ispizerija. Hija sahhqet illi la kienet taf jekk l-ispizerija hijiex nieqsa mill-**

**prodotti u lanqas jekk kienitx tkun maghluqa**. Ziedet qalet illi dan id-diskors **qatt ma inghad lil Dr Pace.** In ri-ezami hija xehedet illi lil Dr Pace kienet tikkuntattjah sabiex tkellmu **dwar il-pagament tal-kera peress lil l-pagament kien dejjem isir tard**. Qalet ukoll illi erbat ijiem qabel id-data tax-xhieda taghha, Dr Pace qalilha illi s-subinkwilin ma kienx qed ihallas u b'hekk hu ma setax ihallas lilha.

**Dr Malcolm Pace_** dwar dan xehed illi Charlotte Grech Ellul hija s-sid tal-farmacijja u din tikri lis-socjeta' attrici. Huwa qal ukoll hija kienet iccempillu diversi drabi u tghidlu li l-ispizerija tkun maghluqa, li mhux tiftah b'mod regolari u anki talbitu sabiex jaghmel dak kollu possibli biex il-hanut ikun miftuh. Xehed ukoll illi kienet qaltlu li l-*goodwill* tal-hanut kien intilef, li l-klijentela m'hix moqdija, li m'hemmx *stock* u li dan kollu gara meta Joe Sant kien qed jopera l-ispizerija. Dr Pace xehed illi huwa kien infurmaha li hemm proceduri l-Qorti u li kien ser iharrikha bhala xhud. Kien offrilha sabiex tixhed permezz ta' affidavit minflok u xehed illi kien hemm ftehim maghha u mal-avukat taghha, certu Dr Seychell Navarro, illi kellu jabbozza affidavit. L-affidavit thejja u ghaddha ghandhom, u Dr Pace qal illi kellu jisma minghandhom dwar xi korrezzjoni jew gurament. Dr Pace xehed illi ma kien sar xejn u li meta staqsiha x'ser jaghmlu, hi rreferitu ghand l-avukat taghha u li konsegwentament kien kostrett iharrikha bhala xhud fis-seduta.

**Audrey Ghigo**, rapprezentanta ta' HSBC Bank Malta plc, giet mitluba tixhed dwar cekkijiet mahruga mill-kont ta' Joseph Sant pagabbli lil K&M Ltd u Malcolm Pace bejn it-30 ta' Settembru 2005 u l-31 ta' Dicembru 2010. Xehedet illi jekk ma jkolliex dettalji dwar in-numri tac-cekkijiet jew ammonti specifici, din it-tfitxijja ma tistax ssir.

**Joseph Sant**, dwar dan xehed illi huwa mpossibli li jgib din l-informazzjoni peress illi ma kienx zamm il-mamma tac-cekkijiet u m' ghandux *records* ohra taghhom. Huwa qal illi kien izomm 'simple accounts' u kien izomm *ledger* baziku fuq il-computer fejn kien jindika d-dhul u l-hrug u anki kien jindika c-cekkijiet relattivi. Hu xehed illi dawn ir-records intilfu peress li kellu kollox (inkluz back up) fuq hard disk li telqitlu. Huwa xehed illi la kellu accountant u anqas awditur, u li madanakollu, r-returns tal-Income Tax u VAT mlieghom hu personalment u dahlu kif titlob il-ligi. Xehed wkoll

illi l-pagament tal-*management fee* jirrizulta mill-VAT returns u l-Income Tax returns u qal illi qatt ma nghata rcevuta ghall-pagament tal-*management fee*.

**Mark Spiteri**, impjegat bhala farmacista fil-Holy Cross Pharmacy ta' Birkirkara, xehed illi huwa kien jahdem part-time u dejjem kien jahdem 3 sieghat. Qal illi l-ewwel beda jidhol mill-16.00 sad-19.00, u li mbaghad, peress li kellhom tabib idum (Dr Theuma), beda jahdem bejn il-17.00 u t-20.00. Dan it-tibdil fis-sieghat beda sentejn wara li beda jahdem. Esebixxa l-FS3 ghas-snin 2007 u 2006 li gew mmarkati Dok MS1 u MS2. Hu qal illi kien hemm diversi managing pharmacists fosthom Jeanette Pace, Patricia Micallef, Ina Mifsud u certu Therese - dawn kienu jahdmu filghodu. Huwa xehed illi hu qatt ma kien *managing pharmacist* u li minfloku gieli kien ikun hemm Jeanette Pace.

**Therese Piscopo** xehedet illi hija kienet il-partner fil-kummerc mal-konvenut. Hija xehedet illi l-konvenut kien responsabbli mill-amministrazzjoni u l-kontabilita'. Iddikjarat wkoll illi d-dokumentazzjoni dwar it-transazzjonijiet ta' xiri u bejgh kien izommhom il-konvenut. Qalet wkoll illi l-management fees u l-kontijiet kienu jithallsu mill-joint account taghhom.

**Dr John Seychell Navarro** xehed illi Charlotte Grech Ellul ghandha il-farmacija ta' Holy Cross Pharmacy izda hu kien jiehu hsieb il-kirjiet u l-amministrazzjoni generali taghha. Huwa kkonferma li l-farmacija kienet mikrija lil Cross Pharmaceuticals Ltd. Huwa xhed illi Dr Malcolm Pace xtaqha taghmel affidavit, illi kienu inghataw kopja tal-affidavit, u li ftiehmu li kellhom jaghtuh risposta. Kkonferma illi Dr Pace kien spiss ikkomunika mieghu sabiex igib risposta, u Dr Seychell Navarro xehed illi qallu li kien qieghed jitkellem mal-legali ta' Charlotte Grech Ellul. Sussegwentament, huwa qal illi Dr Pace talbu d-dettalji sabiex ikun jista' jikkomunika direttament mal-avukat taghha. Huwa kkonferma li Grech Ellul kienet qaltlu li Dr Malcolm Pace kien qalilha li jekk mhux ser tiffirma l-affidavit, hu mhux ser ihallas kera. Huwa xehed illi nhar it-2 t' April 2011, Charlotte Grech Ellul cemplet lil Dr Pace fil-prezenza tieghu u semghahha targumenta mieghu sabiex itiha l-pagament tal-kera u kienu imbaghad ftiehmu sabiex jiltaqghu it-Tnejn ta' wara fl-ufficju tieghu, izda hemm ma kien hemm hadd. Huwa ddikkjara illi kien cempel lil Dr Pace u qallu li suppost kellhom jiltaqghu

ghal appuntament, u Dr Pace qallu illi x-xhud kien jaf x'inhi l-posizzjoni tieghu – jew iffirma l-affidavit jew kera ma tiehux. Ix-xhud qal illi l-affidavit ma giex iffirmat u li l-kera thallset wara li giet intavolata ittra ufficjali interpellatorja.

**Ikkonsidrat:**

Fil-kaz in ezami s-socjeta' attrici qed titlob pagament tal-korrispettiv tal-premimum miftiehem, management fees, hlas ta' arretrati ta' servizzi u licenzji, hlas ta' stock nieqes u danni kkagjonati inkluz dannu lill-goodwill tal-farmacija bl-imghax.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi hemm provi u xhieda konfliggenti u b' mod partikolari ix-xhieda tal-partijiet fil-kawza.

Dwar il-korrespettiv tal-*premiums* jigi rilevat illi l-atturi jikkontendu illi l-ammont ta' € 11,646.50 qatt ma thallas. L-intimati jammettu illi huma qatt ma hallsu dan il-*premium* u talbu estensjoni ghall-pagament. Dan il-pagament qatt ma sar u l-intimati jghidu li dahhlu fi ftehim sabiex il-premium jithallas mill-inkwilin ta' wara l-intimat purche' jinstab inkwilin fi zmien prefiss. Finalment pero' s-socjeta' intimata baqghet ma thallsitx dan il-*premium* u jidher illi l-intimati minkejja li ressqu diversi nies ghall-inkwilinat, ma sabux inkwilin prospettiv. Ghalhekk a bazi tal-obbligi kuntrattwali minnhom assunti l-intimati ghandhom ihallsu l-premium fl-ammont ta' € 11,646.50 li fuqha ghandu jihallas il-VAT jekk dan hu dovut.

Ghal dak li jirrigwarda *management fees* il-Perit Legali kien tal-fehma illi l-kwistjoni hija aktar kumplessa u dan peress illi l-*management fee* li qed jintalab kumpens ghaliha s-socjeta' attrici, hija marbuta mal-gheluq tal-farmacija. Is-socjeta' attrici ippruvat permezz ta' FS3s ta' l-impjegati u anke ricevuti mahruga mill-cash register illi l-hanut ma kienx operanti f' certu granet u/jew hinijiet. Xehdu wkoll xi impjegat li kkonfermaw l-fatt illi f' xi granet huma individwalment ma kienux jattendu fil-farmacija jew kienu jahdmu b' xi roster. Il-Perit Legali sab illi s-socjeta' attrici tipprezenta xhud li kienet gara li kienet ser taghmel xi dikjarazzjoni ukoll dwar il-ftuh o meno ta' l-ispizerija li mill-provi migbura irrizulta li seta' kien hemm xi pressjoni mis-socjeta' attrici sabiex din ix-xhud taghmel tali dikjarazzjoni, dikjarazzjoni li eventwalment ma saritx.

L-intimati jichdu li l-farmacija kienet mimzuma maghluqa ghal granet u/jew f' hinijiet strambi u jghidu illi l-fatt illi haddiema kienu b' roster ma jfissirx illi l-hanut kien maghluq. Fuq kollox huma jghidu li kien hemm operazzjoni kummercjali kostanti izda jikkoncedu li nbiddlu li xi hinijiet ta' ftuh, sabiex jikkombacu mal-hinijiet li fihom kienu jpoggu t-tobba. Ghalhekk mill-assjem tal-provi il-Perit Legali kien tal-fehma illi ma setghax jasal ghal konkluzzjoni finali u oggetiva dwar jekk il-hanut inghalaqx jew le ghal xi zmien jew hin. Ghalhekk is-socjeta' attrici naqqset milli tipprova li kien jezisti dan in-nuqqas fuq bilanc ta' probabilita'.

Dwar hlas ta' arretrati ta' servizzi u licenzji ghandu jinghad illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici u l-intimat huma f'kunflitt dirett dwar x' inhuma u jekk kienx hemm arretrati x' jithallsu. Mix-xhieda ta' Carmel Scicluna l-inkwilin li dahal wara l-intimat xehed illi hallas arretrati ta' € 504.75 f' dawl u ilma u arretrati fis-somma ta' € 513.79 f' pagamenti lis-supplier tad-ditta Remington. Jirrizulta illi kontro-ezami ta' dan ix-xhud ma sarx u dawn is-sommom dikjarati mill-istess xhud ma gewx ikkontestati. Ghalhekk jidher illi dawn is-sommom huma kkonfermati, u ghalhekk l-intimat ghandhom jhallsu dawn is-sommom lill-atturi. Dwar il-kont tat-telefon is-socjeta' attrici pprezentat kont ta' l-istess kumpannija li juri li kien hemm bilanc ta' € 56.54 li kellu jithallas.

Dwar it-talba hlas ta' *stock* nieqes jigi rilevat illi dan il-punt kien dibattut *in extenso* bejn il-partijiet. Jirrizulta illi kien hemm kwistjoni fuq il-kwalita' ta' l-istock fil-mument illi l-intimati assumew il-farmacija. L-intimati jilmentaw illi kien hemm stock hazin u *unsaleable*. Minkejja li kienu jafu b' dan l-istock u ilmentaw ma' l-atturi jidher illi huma accettaw dan l-istock finalment peress illi ffirmaw ghalih. L-inkwilin il-gdid wkoll ilmenta minn stock hazin izda dan irrifjuta li jaccettah. Jidher illi kien hemm obbligu inkombenti fuq l-intimati li jghaddu valur kummercjali ta' stokk li ma ntalahaqx meta huma rrillaxxjaw il-fond. Fil-fatt il-Perit Legali kien tal-fehma li x-xhud Carmel Scicluna jikkonferma diskrepanza fil-valur ta' € 7,537. Minkejja illi l-intimati jiddikjaraw illi kontra l-istock antik ghamlu diversi ameljoramenti fil-fond ma jidhirx illi kellhom xi dritt ta' kumpens ghal dan fil-mument ta' terminazzjoni u ghal fini tal-kawza odjerna ma gietx intavolata kontro-talba. Ghalhekk l-ammont ta' diskrepanza fl-istock ghandu jithallas mill-intimati.

Dwar id-danni fuq il-*goodwill* jigi rilevat illi socjeta' attrici naqqset milli turi kif mill-*goodwill* originali (fatt ikkontestat mill-intimati li jghidu li ma kien hemm ebda goodwill) gie rekat dannu bl-operat ta' l-intimati.

**Ghalhekk il-Perit Legali kien tal-fehma illi l-Qorti:**

1) **Tilqa l-ewwel talba limitatament u dan billi tillikwida s-somma ta' € 20,258.58 (li maghhom ghandu jizdied VAT jekk dan hu dovut fuq il-premium) favur is-socjeta' attrici pagabbli mill-intimat;**

2) **Tilqa t-tieni talba limitatament u dan billi tordna l-hlas ta' l-imghax mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv;**

3) **Tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat fid-dawl tas-suespost.**

**Bl-ispejjez li ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.**

**Ikkonsidrat;**

Fir-rigward tar-rimbors ghal saleable stocks, il-Qorti tinnota illi skond il-klawsola numru hamsa tal-kuntratt in kwistjoni, l-intimati intrabtu illi jaghtu rimbors *in kind or in cash "...the value of all tock at the pharmacy amounting to twelve thousand five hundred Maltese Liri..."* Ghalhekk, b'applikazzjoni tal-principju pacta sunt servanda, is-socjeta rikorrenti ma tistax tippretendi ammont aktar gholi minn dan, ghaliex din kien is-somma illi l-partijiet ftehmu ghandha tigi rimborsata mill-intimati meta jiskadi l-kuntratt. Il-Qorti ma tistax tmur kontra dak li gie miftiehem bejn il-partijiet bil-mitkub, ghaliex il-kuntratt ta' bejn il-partijiet huwa car u ma jhalli l-ebda lok ghal interpretazzjoni.

Mill-provi jirrizulta li l-valur tal-istock imholli mill-intimati jammonta ghal **€28,136.93**. Minn dan l-ammont pero ghandha titnaqqas is-somma ta' **€7,504.62**, rapprezentanti il-valur tal-istock illi ma kienx f'kundizzjoni li jinbiegh, **kif jidher mill-affidavit ta' Carmel Scicluna a fol 262.** Ghalhekk, l-ammont ta' *resalesable* stock imholli mill-intimati fl-ispizerja kien ta' **€20,632.31**.

Skont il-kuntratt, l-intimati kellhom ihallu stock, jew jaghtu rimbors pekunarju fl-ammont ta' €29,069.76.

Ghalhekk l-ammont dovut lis-socjeta rikorrenti ai termini tal-klawsola numru hamsa huwa ta' **€8,437.45**.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta rikorrenti targumenta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha illi l-Perit Legali ghamel zball billi ma kkunsidrax il-*managament fee* u l-penali bhala zewg kondizzjonijiet tal-ftehim separati u distinti. Il-Qorti tqis illi din il-parti tal-argument tas-socjeta rikorrenti hija fondata, u huwa minnu illi l-managament fee m'hijiex u ma tiddependix fuq il-penali li tkun dovuta meta l-ispizerija tinzamm maghluqa.

Hawnhekk il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet differenti tal-fatti, fejn filwaqt illi s-socjeta rikorrenti ssostni illi l-intimati ma hallsux il-*management fee* skont il-kuntratt, l-intimati jsostnu illi huma dejjem hallsu din il-*management fee*.

Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi inghad illi:

> *“mhux kwalunkwe’ tip ta’ konflitt (fil-verzjonijiet moghtija tal-partijiet) ghandu jhalli lill-Qorti f’dak l-istat ta’ perplessita’ li minhabba fih ma tkunx tista’ tiddeciedi b’kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola ta’ l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa’ soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m’ghandhiex taqa’ comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita’ u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke’ fuq il-bilanc tal-probabilita’ u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawza*

> *civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (...) anzi', f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."*[1]

Inghad ukoll illi *"fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja*."[2]

F'kazijiet fejn il-Qorti tkun rinfaccata minn provi konfliggenti, il-Qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu gew prodotti quddiema, u cioe:

> *1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*
>
> 2. *Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur.*[3]

Skont il-ftehim ulterjuri iffirmat bejn il-partijiet fit-18 ta' April 2008 li jinsab a fol 19, il-partijiet qabblu illi fiz-zmien ta' dak il-ftehim l-intimati kienu moruzi fil-hlas tal-premium li kellu jithallas fit-30 ta' Settembru 2005 fl-ammont ta' Lm5,000 u f'zewg pagamenti ta' management fees fl-ammonti ta' Lm1,575.30 li kien dovut fit-2 ta' Jannar 2008 u Lm1,593 li kien dovut fit-2 ta' April 2008, kif ukoll Lm1,000 ghal outstanding supplies.

Minn klawsola numru wiehed ta' dan il-kuntratt jidher illi z-zewg management fees u l-ammont dovut ghal outstanding supplies **thallas fuq il-kuntratt**, u ma jirrizulta xejn mill-process illi jwassal lil Qorti biex tikkonkludi illi dawn l-ammonti ma kienux thallsu fuq il-kuntratt. Fir-rigward tal-ammonti allegatament dovuti ghal management fees li jirrisalu ghal perjodu qabel dawk imsemmijin fil-ftehim ulterjuri, il-Qorti tqis

[1]**Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (24 ta' Novembru 1966).
[2]**Joseph Borg vs Joseph Bartolo**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) (25 ta' Gunju 1980).
[3]**Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) (24 ta' Marzu 2004).

illi m'huwiex verosimili illi dawn l-ammont huma dovuti ghaliex li kieku dan kien il-kaz, dawn l-ammonti kienu jissemmghu fil-ftehim ulterjuri bhal ma gew imsemmijin l-ammont li kienu dovuti fit-2 ta' Jannar 2008 u fit-2 ta' April 2008.

Fir-rigward tal-bqija tal-ammonti allegament dovuti bhala *management fees*, l-Qorti tqis illi ma tista' taghti l-ebda affidament lix-xhieda tal-Avukat Dr. Malcolm Pace, u dan senjatament fid-dawl tal-agir deplorabbli tieghu meta avvicina xhud u heddida illi mhux ser ihallas il-kera dovuta lilha jekk ma tiffirmax l-affidavit li kien hejja u li kien jikkontjeni fatti li x-xhud innegat meta xehdet quddiem il-Perit Legali. Il-Qorti tqis illi dan l-agir, li huwa ferm deplorabbli ikkunsidrat illi x-xhud huwa wkoll avukat u ghalhekk ufficjal tal-Qorti, jimmina serjament il-kredibilita tax-xhud u jipprekludi lil Qorti milli tkun tista' taghti affidament lix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi ma hemmx provi bizzejjed biex il-Qorti tkun tista' tikkonkludi illi hemm xi management fees dovuti lis-socjeta rikorrenti.

Din il-Qorti taqbel perfettament mal-Perit Legali ghar-rigward ta’ dak konkluz dwar il-penali u taghraf illi ma hemmx provi sodisfacenti prodotti mis-socjeta’ rikorrenti li b’xi modd jipprovaw sal-livel probatorju rikjest mill-ligi, cioe’ fuq proponderanza ta’ provi, li l-ispizerija Holy Cross kienet filfatt maghluqa ghal-perjodu vantat mis-socjeta’ attrici. Illi di piu’ din il-Qorti ghar-ragunijiet gia’ fuq indikat bl-ebda mod ma tista’ taghti xi affidabilita’ fuq din il-kwistjoni lix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta’ rikorrenti, wara l-maniggi tieghu rigwardanti x-xhud Charlotte Grech.

**Ikkonsidrat;**

Fin-nota ta' kritika taghha, is-socjeta rikorrenti tikkontendi illi l-imghax ghandhom ikunu dovuti minn dakinhar illi l-ammont kienu dovuti peress illi kienet baghtet ittra ufficjali qabel ma intavolat il-kawza. Pero, kif tghid is-socjeta rikorrenti stess, it-talba li saret lil din il-Qorti **ma kienetx ghal kundanna ta' ammont specifiku u espress** fir-rikors guramentat, izda ghall-**likwidazzjoni tal-ammont** dovut.

Huma fatt ben risaput illi kontra debitu incert jew mhux likwidu ma jistghux jiddekorru imghaxijiet. [4] Ghalhekk huwa gust illi l-imghax jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza peress illi l-ammont dovut kellu jigi likwidat permezz ta' din is-sentenza.

Illi ghalhekk dak dovut mis-socjeta’ intimata lis-socjeta’ rikorrenti huwa s-segwenti:

| | |
|---|---:|
| Nuqqas ta’ hlas ta’ *premium* | €11,646.50 |
| Nuqqas ta’ kont tad-dawl | € 504.75 |
| Nuqqas ta’ hlas ta’ prodotti ta’ Remington | € 513.79 |
| Nuqqas ta’ hlas tal-*istock* | € 8,437.45 |
| Nuqqas ta’ hlas ta’ kont tat-*telephone* | € 56.54 |
| **Total** | **€21,159.03** |

**Ikkonsidrat;**

Fir-rigward tal-konkluzjonijiet l-ohra tal-Perit Legali, Il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta’ dawn il-Qrati:

> *“kif pacifikament assodat f’bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi* ***“dan ma jfissirx pero’ illi l-Qorti tista’ taghmlu b’mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta’ l-aspett tekniku tal-materja taht ezami” (“Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine”,*** *Appell 29 ta’ Mejju 1998).* ***“Jigifieri l-Qorti ma tistax***

[4]**Vivian Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi,** Qorti tal-Appell Civili deciz 30 ta' Gunju 2004.

> ***tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca."*** *Appell 6 t'Ottubru 1999;* ***"John Saliba –vs-Joseph Farrugia",*** *Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

Il-Qorti tikkondividi **mal-bqija** tal-konkluzjonijiet raggunti mill-perit legali, taddotthom u taghmilhom taghha u ma jirrizulta ebda raguni impellanti li tikkonvinci lil din il-Qorti titbieghed mir-rizultanzi raggunti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeddeciedi billi , filwaqt illi tichad limitament l-eccezzjonijiet tal-intimati, tilqa l-ewwel talba tas-socjeta' rikorrenti limitatament u dan billi tillikwida l-ammont dovut lis-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf , mija disgha u hamsin Ewro u tlett centezmi (€ 21,159.03) (li maghhom ghandu jizdied VAT jekk dan hu dovut fuq il-*premium*); u tilqa t-tieni talba limitatament u tikkundanna lill-intimati ihallsu lis-socjeta' rikorrenti is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf , mija disgha u hamsin Ewro u tlett centezmi (€ 21,159.03) bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**